**L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.**

**Seduta miżmuma llum l-Erbgha 2 ta’ Settembru 2020, fid-9:30 a.m. fit-Tieni Sular, Awla 20, il-Qorti.**

Xhud l-**Onorevoli Ministru Michael Farrugia** iben il-mejtin Anthony u Catherine nee` Calleja, imwieled is-Siggiewi u residenti n-Naxxar, bil-Malti u bil-gurament tieghu jghid :

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Tista’ ittina ftit informazzjoni generali dwar ir-rwol tieghek fil-gvern minn 2013 sal-lum?

***Ix-Xhud :***
Iva. Fl-2013 sa l-ahhar ta’ Marzu jekk minhiex sejjer zball jew l-ahhar ta’ April tat-2014 kont Segretarju Parlamentari f’ ufficcju tal-Prim Ministru responsabbli minn l-Ippjanar u s-Simplifikazzjoni. Wara kont responsabbli sa l-2017 - sa l-elezzjoni tal-2017 bhala l-Ministru responsabbli mis-Soledarjeta` Socjali u l-Familja; wara l-2017 sa Jannar li ghadda kont il-Ministru ghall-Intern u s-Sigurta` Nazzjoanli. Minn Jannar ‘il quddiem sal-lum jiena l-Ministru ghall-Energija u l-immanigjar ta’ l-ilma.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ok. Meta inti kont Ministru tal-Home Affairs kellek il-Pulizija tahtek.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Is-Servizzi Sigrieti wkoll?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ukoll hux hekk?

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-appointments tal-Kummissarji dak kienu jigu minnek jew minn ghand il-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
L-appointment tal-Kummissarju kienu jigu mill-Prim Ministru; u l-Kummissarju li kien hemm hemmhekk dak inhar jien kont sibtu hemmhekk.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Inbidlu xi Kummissarju fi zmienek?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Lil min kont sibt?

***Ix-Xhud :***
Lil Kummissarju Lawrence Cutajar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Bhala Ministru, inti kont tkun infurmat b' reati serji jew kellek biss tiehu hsieb xi amministrazzjoni tal-Korp tal-Pulizija? X' kien id-dekasteru tieghek bhala Home Affairs ghal dak li jirrigwardja l-Pulizija x' kien jinvolvi?

***Ix-Xhud :***
1) Illi jekk ikun hemm kaz ta' certu portata kont nigi infurmat mill-ewwel li kien hemm kaz partikolari. It-tieni), Bhala Ministru, ir-responsabbilta` tieghi kienet illi nara u niffacilita` u li nara li jkollhom l-ghodda kollha l-Pulizija u assistenza jekk nintalab biex ninghata xi forma ta' ghajnuna jew forma ta' servizzi ohrajn jew inkella ghodda bhala materjal illi nara li niffacilita illi l-Pulizija nghaddilhom dik it-talba taghhom biex ikomplu jistghu jinvestigaw jekk ikun hemm it-talba min-naha taghkom.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa fil-kaz ta' Daphne Caruana Galizia inti kif sirt taf b' dan l-omicidju?

***Ix-Xhud :***
Kont infurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija ftit minuti wara li gara l-kaz fejn jiena gejt infurmat li kien hemm karozza bomba illi spiccat mara vitma, u gejt infurmat li l-persuna kienet is-sinjura Caruana Galizia probabbilment, ghax kienu ghadhom kif gejt infurmat, u illi l-Pulizija kienu sejrin onsite biex jaghmlu l-investigazzjonijiet. Jiena, biex inkompli nzid ma' dak li ghadek kif

tlabtni, informajt lill-Kummissarju li lest li noffri l-ghodda kollha biex jigi investigat dak il-kaz u anke illi jekk hemm bzonn jigiebu esperti minn barra jkunu jistghu jingiebu. Kont infurmat illi saret it-talba s-Scene of The Crime Olandiza biex jigu anke hawn Malta. Iktar tard ma’ tul il-gurnata kont infurmat illi kien hemm talba min-naha ta’ l-ufficjal Olandizi ta’ Scene of the Crime fejn talbu clearance mill-Ministeru taghhom biex ikunu jistghu jigu Malta. Dan jien ghamiltu, u hawnhekk jiena nizzil anke mill-mobile tieghi korrispondenza li kelli ma’ Ministru Olandiz fejn jiena.., jekk tridni naqraha naqraha

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Yes.

***Ix-Xhud :***
Naqraha?

***Imhallef A Lofaro :***
Yes you can.

***Ix-Xhud :***
Mela le? *Minister Class, its Minister Michael Farrugia from Malta. Today we had a car bombe that killed a journalist. The Malta Police have made contact with Doris Earhart from the Netherlands Forensic Institute. In the past we were closely with this Institute. They informed us that they are ready to come over but need Ministerial approval. Would appreciate the go-ahead ASAP in view of the sensitivity of this act. Thank you in advance.*
Dik kienet mibghuta fl-istess gurnata fis-sitta u disgha u erbghin minuta (6:49). Jiena kien ikkuntattjani lura l-Ministru.. li kien qalli li ma ghadux il-Ministru ta’ Intern kien ghadu kif spicca, kien sar Ministru tad-Difiza u kellu jaqbad lill-Ministru ghall-Intern li kien lahaq. U ftit wara kien hemm l-awtorizzazzjoni. B’ hekk gew, u kien hemm il-Ministerial clearance minn Netherlands Forensic Institute, clearance Ministerjali biex jigu hawn Malta u jaghmlu l-investigazzjoni tas-Scene of the Crime.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Din il-clearance min-naha taghhom giet b’ email jew ..?

***Ix-Xhud :***
No, b’ telefonata.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
B’ telefonata?

***Ix-Xhud :***
Il-clearance inghatat lilhom biex ikunu jistghu jigu Malta. Ma kellix ghalfejn ninghata l-email lili. Lilhom kellha tinghata.

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri dawn gew malajr.

***Ix-Xhud :***
Iva. Fil-fatt kien hemm xi hadd jekk minhiex sejjer zball kien hemm xi hadd li kien diga` qieghed fil-flight; the rest of the team gew l-ghada filghodu....

***Imhallef A Lofaro :***
L-ghada.

***Ix-Xhud :***
..u bdew is-scene of the crime mill-ewwel. Imma ma’ tul it-tmiem jekk minhiex sejjer zball filghaxija stess kien hawn xi hadd mit-team diga` li qieghed hawn Malta.

***Imhallef A Lofaro :***
Diga` Malta.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
X’ kien iktar l-involviment tieghek f din il-vigenda?

***Ix-Xhud :***
L-involviment bazikament kien minimu ghax l-investigazzjonijiet kienu jsiru min-naha tal-Pulizija. Il-Pulizija ftit li xejn kont nitlobhom informazzjoni ghax gejt informat min-naha tal-Pulizija dwar il-kaz. Hemm partijiet ohrajn li jirrigwardjaw is-Servizz tas-Sigurta`, imma fil-kaz nitlob illi jekk naghti xi haga fuq sigurta` - Servizz ta’ Sigurta` naghmilha in camera.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` kont qed tkun updated fuq id-developments ta’ l-investigazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Konsegwenza tal-role tieghi ghas-Servizz tas-Sigurta` li kont nigi infurmat minhabba li rrid niehu certi decizzjonijiet. Bhal ma ghedtlek, jekk ma jimpurtax jekk nghidha in camera nkun nista’ nghid, ghax hija sensittiva.

***Imhallef A Lofaro :***
Yes yes.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` Ministru, inti naturalment responsabbli ghall-ordni pubbliku. Responsabbli ghall-ordni pubbliku u allura l-iskop principali fil-Kabinett ghal dak li jigri .. ghall-ordni pubbliku. Allura d-domanda hi : meta gara dan il-kaz li kien kaz li kexkex lid-dinja hu!, tajjeb u hazin, u hi x' inhi l-background tieghu, il-kaz kexkex id-dinja.

***Ix-Xhud :***
Kull kaz.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mhux hekk! Kull kaz imma mhux kull kaz huwa l-istess. Ghax din issa anke din irridu noqghodu daqsxejn attenti; ghax kulhad jghidlek ghandna hafna x' naghmlu, dan kaz iehor; ma kienx kienx l-istess kaz iehor. Kif ma kienx l-istess kaz il-Panama Papers. Certi kazijiet bilfors lill-awtoritajiet jixghelilhom bozza hamra.

***Ix-Xhud :***
Ezattament, fil-fatt ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa d-domanda hija din ..

***Ix-Xhud :***
Fil-fatt ghalhekk jiena ghedt anke fl-SMS li bghatt li dan huwa kaz sensittiv..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti stess qed tghidu hawn ovvjament. Issa dan il-kaz inti, malli gara hekk, iltaqa' il-Kabinett? Iddiskutejtu dan il-Kabinett fuq dan l-incident serju?

***Ix-Xhud :***
Li naf huwa li l-Prim Ministru stess ftit hin wara ghamel stqarrija nazzjonali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma l-Kabinett iltqajtu?

***Ix-Xhud :***
Il-Kabinett ma iltaqax fuq dan il-kaz specifiku, u qatt ma gie diskuss dan il-kaz specifiku hlief lejn l-ahhar meta kien hemm kwistjonijiet ta' proklami.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Biss.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Altrimenti intom qatt ma ddiskutejtu dan il-kaz fil-Kabinett. Jigifieri l-progress fl-investigazzjoni…, jiena illum ghandi l-eta` tieghi, xjaht, tajjeb?, u certu kuntatt ma' Ministri u ma' gvernijiet kelli. Id-domanda hi din : meta jigri xi haga hekk jiena naf li l-Ministru ta' l-Intern ikun on the spot fuqu s-suggett; fis-sens illi jzomm il-Kabinett informat; jghidlihom – hares, din wasalna s' hawn, ser jigri hekk, ma garax hekk! Ghadda certu zmien. F' dan kollu ma gara xejn?

***Ix-Xhud :***
Skuzani, imma x-xoghol tieghi ma huwiex dak investigattiv jew li l-investigazzjonijiet jigu jghidu lili l-Pulizija f' liema stadju ta' investigazzjoni qeghdin jew inkella iktar u iktar li ninforma persuni fil-Kabinett jew barra mill-Kabinett, jew fl-ufficcju tieghi jew barra minn l-ufficcju tieghi, informazzjoni ta' investigazzjonijiet li jkunu ghaddejjin illi jistghu fl-ahhar minn l-ahhar ixekklu l-investigazzjoni illi tkun ghaddejja. Ma kienx ir-rwol tieghi iktar u iktar wara li l-Prim Ministru kien diga` ghamel stqarrija nazzjonali, u l-uniku diskussjonijiet li kien hemm kienu biss biex naraw jekk tinghatax rigal ghal min jghaddi informazzjoni dwar il-kaz jew min seta' kien wara dak il-kaz.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ha nghidlek, l-istorja twalet ftit, u bi zmien bdew johorgu certi fatti public domain, tajjeb? Certi fatti li kienu jirriflettu fuq il-kondotta jew ta' nies vicin il-gvern jew ta' nies illi qeghdin fil-gvern illi seta' kellu relevanza. Meta inti akkwistajt dawn il-fatti minn barra issa, inti ma qajjimtx dawn l-issues mal-kollegi tieghek? Meta.., fejn naf?, m' hemmx ghalfejn stejjer kbar!, imma harget l-istorja ta' 17 Black, tajjeb? Allura inti ma tghidx - hawnhekk gej xi haga; ma tmurx tiddiskuti ma shabek? Kulhadd ghal rasu?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma mmurx niddiskuti investigazzjonijiet li xogholhom huwa ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le mhux qed nghidlek diskussjonijet tpacpic ta! Qed nghidlek jien, fil-Kabinett dawn l-issues iqumux.

***Ix-Xhud :***
Ha nerga' nirrepeti, jiena r-rwol tieghi hi li naghti l-ghodda lill-membri tal-Korp tal-Pulizija biex jaghmlu l-investigazzjonijiet kollha necessarji. Ma huwiex ir-rwol tieghi li nidhol fl-investigazzjoni, naghmel briefing ta' investigazzjoni, iktar u iktar jekk certu informazzjoni ma kinetx gejja mill-Korp tal-Pulizija. U nfakkrek, jiena qatt, la qatt qabbadt lill-Pulizija biex jinvestigaw u gaghalthom iressqu lil xi hadd; u lanqas meta tela' isem xi hadd ma waqqaft investigazzjoni milli ssir bhal ma gara qabel l-2013. Jiena r-rwol tieghi huwa li naghti l-ghodda. Il-Pulizija jaghmlu l-investigazzjoni. Il-Pulizija min-naha taghhom jagixxu. Jien qatt ma ndhalt lill-Pulizija lil min iressqu l-Qorti jew lil min ma jressqux il-Qorti. Iktar u iktar li mmur nghid lil diversi persuni ohrajn certu informazzjoni li b' mod sigriet inkun qed insir naf jiena u mmur inxerdu ma' l-erba' irjiehat! Jekk naghmel hekk inkun hati ta' disclosure li tohrog mil-ligi stess.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` l-Kabinett mhux kulhadd. Il-Prim Ministru mhux kulhadd. Jigifieri li l-Prim Ministru ikun infurmat fuq xi haga li hija importanti, sigrieta tibqa' sigrieta, imma li qed jigri nahseb anke obbligu tal-Ministru jghidlu - hares Sur Ministru, hawnhekk hawn din, ghandna Pulizija li ghandna suspett fuqu li mhux qed jahdem tajjeb. Ghandna Kummissarju li nhossu li mhux efficjenti. Dawn l-affarijiet ma jsirux?

***Ix-Xhud :***
Bhala Kap ta' stat il-Prim Ministru kien jigi ibbrijfjat, ibbrijfjat minn sorsi ohrajn li setghu kienu l-istess sorsi li kelli brief jiena minhabba r-rwol tieghi li kelli. Seta' kellu briefing ohrajn min-naha l-Korp tal-Pulizija.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` ma nirriducux il-Ministeru ghal facilitator!

***Ix-Xhud :***
Il-Ministeru la huwa... ma huwiex facilitator imma lanqs huwa Ministru investigattiv.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva kollox sew, within limites, insomma whatever

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Fl-4 ta' Dicembru tas-'17 kont tajt press conference flimkien mal-Prim Ministru, ma' Joseph Muscat; tiftakar?

***Ix-Xhud :***
Fuq fuq..!

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dwar l-arrest ta' l-ghaxar (10) suspettati. Ok, hemmhekk tajt xi informazzjoni. Dik l-informazzjoni, jekk tista' tghidilna, minn fejn kont gibtha? U min kien prezenti ghal dik il-press conference minn barra inti u l-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Ha nkun onest mieghek, min kien prezenti ma nafx. Nassumi li kien hemm il-gurnalisti; min kien hemm haddiehor f' dik il-kamra ma niftakarx u minhiex konxju, u nkun qed nigdeb jekk nghid li naf min kien hemm.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa hemmhekk tajt xi informazzjoni inti dwar l-arrest ta' dawn il-persuni. Min kien....

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jiena il-Prim Ministru ta dik l-informazzjoni.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Il-Prim Ministru ta dik l-informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jiena, jiena ma kontx ghamilt stqarrija waqt dik il-press conference

***Chairman Imhallef M Mallia :***
M' ghamiltx.

***Imhallef A Lofaro :***
Forsi wegibt xi domandi ta' xi gurnalisti nimmagina!

***Ix-Xhud :***
Wara, jista' ikun.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U jista' ikun li l-Prim Ministru kien jaf iktar milli kont taf inti dak iz-zmien!

***Ix-Xhud :***
Jiena kelli briefing. Ma kellix briefing nerga' nirrepeti min-naha tal-Korp tal-Pulizija, u fuq hekk lest li naghti certu dettalji iktar tard in camera.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ok.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Semmejtilna wkoll illi kont strumentali inti biex ghejnt jew gibt lil Forensic Department ta' l-Olanda biex jigu hawn. Il-kuntatti.., issa nafu wkoll mid-dominium publiku li kien hemm l-FBI u l-Europol involuti. Dawn x rwol kellek inti fil-kuntatti ma' dawn in-nies?

***Ix-Xhud :***
Ir-rwol ma' l-FBI kienet giet mill-ewwel min-naha tal-Pulizija u ma kellhomx bzonn l-assistenza tieghi. Min-naha tal-Europol kien hemm id-diskussjonijiet illi kienu ghaddew, kienu gew hawnhekk. Jiena man-naha tal-Europol b' mod specjali mad-direttrici u d-direttur li kien hemm qabel kien hemm hi. Tal-Europol kull meta iltqajna fil-fora internazzjonali jew anke lokalment meta gew Malta iltqajt maghhom. Ovvjament irringrazzjajthom tas-servizz li kienu qeghdin jaghtu u ghedtilhom ukoll illi l-Pulizija hija disponibbli illi ghal kull haga li tintalab kemm minn l-investigaturi tal-Europol stess kif ukoll anke mid-direttrici tal-Europol jekk thoss il-kaz illi jena disponibbli biex il-kollaborazzjoni tkompli ghaddejja sa l-ahhar. U fil-fatt hekk gara.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Issa ukoll, l-offerta illi kienet saret ta' miljun ewro

***Imhallef A Lofaro :***
Diga` semmejtha inti.

***Ix-Xhud :***
Ehe.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ehe ga semmejtha. Daka mill-Ministeru tieghek harget jew minn l-OPM?

***Ix-Xhud :***
Harget minn l-OPM.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Minn l-OPM. X' gara taf? Kien hemm xi zviluppi dwarha din?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghid hija li kull darba illi saru xi arresti ma rrizultawx minn informazzjoni li kienet qieghda tinghata, ghallinqas sa fejn naf jiena. U sa fejn naf jiena hadd.. sa fejn naf jien hadd ghadu ma inghata dak ir-rigal ghax ix-

xoghol sar mill-Korp tal-Pulizija u anke mill-korpi li kienu qed jassistu barranin.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Gie rrappurtat illi f' intervista qed jirreferu ghalik, all right?, minn Malta Today qed tghid din : *But he admitted* (qed jghid ghalik) ..

***Imhallef A Lofaro :***
Fic-cirkostanza r-retro scene forsi ahjar…

***Chairman Imhallef M Mallia :***
*…that there were certain members of the Police Force who did not enjoy his trust, and that there were even some who he asked to be investigated. But said that most of the Corp were effective and carried out their duties responsibly.*

***Imhallef A Lofaro :***
Tiftakarha l-intervista

***Ix-Xhud :***
..

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hawnhekk qed tghid dwar l-investigazzjoni fuq il-Montenegro, fuq il…; issa, tiftakarha din? Tiftakar dan il-bran?

***Ix-Xhud :***
Ma kinetx relatata mal-kaz ta' Monenegro. Kont qed nitkellem b' mod in generali.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
B' mod generali.

***Ix-Xhud :***
B' mod in generali, fejn informazzjoni illi kienet tasalli fuq anke membri tal-Korp jien kont nghaddiha lill-awtoritajiet biex isiru l-investigazzjonijiet necessarji.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma veru hawnhekk illi kif gie rappurtat illi kien hemm members of Police Force that did not enjoy your trust?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Min kienu dawn?

***Ix-Xhud :***
Ma nhossx illi ghandi nghid hawnhekk

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Eh?

***Ix-Xhud :***
Ma nhossx illi ghandi nghid fil-pubbliku.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
All right.

***Imhallef A Lofaro :***
Tghidha bil-maqghluq

***Ix-Xhud :***
Nghdiha fil-maghluq sakemm ghal limiti li nista', ghax ghaddejjin investigazzjonijiet; u jekk ikunu ghaddej certu investigazzjonijiet ovvjament ma nistax ninterrompi jew inkella nghid affarijiet li jistghu jaffettwaw dawk l-investigazzjonijiet.

***Imhallef A Lofaro :***
Ok.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Inti kuntent bl-operat.. mhux bir-rizultat, ghax ir-rizultat ftit jew wisq hemm qieghed; bl-operat tal-Pulizija f' din il-kwistjoni ta' Caruana Galizia?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghid huwa illi minkejja d-diversi kazi ta' bombi ma' tul is-snin, karozzi, u wara bibien, inkluz f' ta' gurnalisti u anke ta' membri fil-parlament Malti illi ma gewx solvuti, li nista' nghid huwa illi z-zewg kazi ta' karozzi bomba, wahda li sfortunatament hadet u qatlet lis-sinjura Caruana Galizia, u ohra li ma haditx gewwa l-Fgura. Illi z-zewg kazi gew solvuti. U allura kellna l-uniku zewg kazi ta' karozzi bomba illi kien hemm, iz-zewg kazi, ghall-inqas dawk il-pesuni li huwa allegat li kienu wara dawk il-kazi, fiz-zewg kazi ghaddejjin il-proceduri fil-Qrati Maltin.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` kien hemm iktar karozzi bombi, mhux dawn biss.

***Ix-Xhud :***
Fi zmien qed nghid

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Eh?

***Ix-Xhud :***
Fil-perjodu li kont jiena Ministru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dak l-ohrajn kienu qabel zmienek.

***Ix-Xhud :***
L-ohrajn kienu qabel zmieni. U fil-fatt qabel, anke qabel l-2013 u wara l-2013 kien hemm numru ta' bombi, bibien, karozzi, whatever, imma nkluz ma' gurnalisti, ma' bibien ta' gurnalisti, illi ma gewx solvuti. Kellna dawn iz-zewg kazi, iz-zewg kazi kienu solvuti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma d-domanda tieghi kienet..., dawn gew solvuti, haga sabieha hafna u 'mnalla.

***Ix-Xhud :***
Allegatament solvuti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda ma kinetx ezattament fuq hekk ta. Id-domanda kienet jekk inti kontx kuntent bl-operat tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw, indipendentement mir-rizultat; ghax ir-rizultat qieghed hemm; pero` kif taf inti public knowledge u anke hawnhekk smajna hafna, hemm certi riflessi fuq certu ufficjali tal-Pulizija li kienu hemm u forsi ghadhom hemm, ma nafx, illi jpoggu lill-Pulizija f' dawl ikrah. Inti dana l-konoxxenza kellek meta kont Ministru inti?

***Ix-Xhud :***
Meta thares lura kollox jista' isir ahjar; u kollox seta' isir b' mod differenti. L-importanti huwa r-rizultat; u r-rizultat kien wiehed illi kien bla precedent.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` qed nitkellmu fuq kolluzzjoni, fuq hbiberiji, I mean… mhux qed nitkellmu..; ir-rizultati all right, nammetti jiena u jammetti kulhadd illi

qeghdin hemm. Imma mhux hekk qed nitkellmu hawn. Hawnhekk ahna bahal Bord ma ahniex ninvestigaw il-qtil jew..; qed ninvestigaw l-andament ta' amministrazzjoni; jigifieri l-fatt li jkollok spettur li jkun habib hekk u jaghmel hekk! I mean dawna huma cirkostanzi importanti indipendentement jigifieri, qed tifhem?

***Ix-Xhud :***

Nahseb li jekk kien hemm kolluzjoni xorta wahda inghata r-rizultat. Il-fatt illi l-persuni li kienu allegatament involuti fil-kazi u intqal li setghu kellhom certi hbiberiji, minkejja dawk il-hbiberiji ir-rizultati qeghdin hemmhekk. Allura ma tistax teskludi r-rizultat. Jien nista' inkun habib ta' xi hadd, imma ghax jien habib ta' xi hadd u jiena wasalt biex nidentifika min kien possibbilment wara dak l-att jiena qomt 'il boghod mill-hbiberja li kelli, agixxejt, u ressaqt il-persuni li kienu involuti setghu.. u allegatament li kienu involuti.

***Imhallef A Lofaro :***

Imma jekk allegatament kien habib u kien qed jghidilhom li ser jigu arrestati, u meta ser jigu arrestati..

***Ix-Xhud :***

Dawk huma xi haga illi..

***Imhallef A Lofaro :***

Dik haga sejra hafna.

***Ix-Xhud :***

Dawk huma xi haga illi, 1) nista' nghid ghalija illi kull informazzjoni li kelli dejjem kont wahdi f' kamra ma' persuna wahda, u lanqas kelli c-chief of staff dak iz-zmien, kif kien jissejjah, fl-ufficcju tieghi jew xi pesuna ohra. Anzi, minn l-ufficcju li kellu hdejja kien johrog, biss assolutament.. jew inkella gie li kont nitolbu johrog biex assolutament l-informazzjoni li tkun ghaddejja ma tkun qed tghaddi ghand hadd.

***Imhallef A Lofaro :***

Pero` din harget.

***Ix-Xhud :***

Gej ghaliha. Skuzani, jekk kien hemm persuni illi minn l-investigazzjonijiet illi eventwalment nemmen li ghaddejjin u allura johrog li kien hemm persuni li kienu qed jghaddu informazzjoni allura l-Pulizija u l-gudikatura ghandha tiehu konoxxenza taghhom u tagixxi jekk l-ismijiet ikunu maghrufa; u f' dak il-kaz.., jiena llum ma nistax nindahal ghax illum minhiex il-Ministru ta' l-Intern, imma lanqas li kieku kont, la kont nindahal biex jitmexxew ghax dak

xoghol il-Pulizija, u lanqas kont inwaqqaf, bhal ma kien gie li jigri qabel l-2013.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
L-ufficcju tieghek fejn kien? By the way

***Ix-Xhud :***
Strada Stretta.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Strada Stretta hdejn ..…

***Ix-Xhud :***
Quddiem Vinceso Bugeja Buildings.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont kuntent bl-operat tal-Kummissarju tal-Pulizija?

***Ix-Xhud :***
Nahseb tul il-perjodu ta' l-operat tal-Kummissarju kellna tnaqqis ta' ghaxra fil-mija fil-kriminalita` tul it-tliet snin illi kelli responsabbilta` jiena. Qabdu ammonti records ta' droga gewwa pajjizna. Inqabdu persuni li kienu fl-oghla livelli tal-kirminalita` fejn ghandu x' jaqsam id-droga. Inqabdu persuni ohrajn u qeghdin fi processi fil-Qrati ta' portata ta' sigurta` nazzjonali. Kellna zewg kazi ta' karozzi bomba gew solvuti. Kien hemm ammont ta' record. Irrid insemmi per ezempju illi flimkien mas-CEO jiena u l-Kummissarju sahhahna d-Dipartiment ta' l-Economic Crime li jissemma hafna. U sahhahnih biex ikun jista' jopera ahjar. U pjacir tieghi hu li ninnota li ghadu jigi imsahhah.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ifhimni, staqsejt din id-domanda jiena ghaliex jirrizulta illi l-Kummissarju speci l-preokkupazzjoni kbira tieghu, u qalilna hu, kienet il-kondizzjonijiet tal-Pulizija, li l-affarijiet jirrangaw ruhom fl-ghases u x' naf jien, u hadna l-impressjoni illi anke hu amministrattivament kien attent hafna, imma mbaghad kien jiddelega lil ta' tahtu.

***Imhallef A Lofaro :***
Kien ihalli f' idejn ta' tahtu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa jiena.. jiddelega!, bilfors trid tiddelega; imma hemm certi limiti fejn tidhol ir-responsabbilta` ta' dik id-delega, ok?

***Ix-Xhud :***

Mela, bhala Kummissarju tal-Pulizija minkejja r-rizultati li kien hemm sakemm hu kien il-Kummissarju tal-Pulizija gej daqsxejn minn old school; u jiena fil-fatt kelli nahdem hafna bejn is-CEO li kien ried igib hafna bidliet u l-Kummissarju tal-Pulizija illi kien gej minn skola antika. Imma rnexxieli illi bil-mod il-mod b konvinzjoni bdejna ndahhlu sistemi iktar moderni gewwa pajjizna fil-linja ta’ preparazjoni ta’ strategija li kien qieghed jaghmel min-naha tas-CEO. Nista’ nghid illi kien hundred percent? Il-fatt li kien gej minn old school kien johloqli wkoll ceri konflitti; ghax jiena jekk ma nohloqx il-bidla allura zmieni fil-politika jkun spicca. U jiena ridt il-bidla ha naghmel il-Pulizija iktar efficcjenti u intiha l-ghodda biex tkun iktar efficcjenti.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Imma bhala fatt nibqghu f’ sitwazzjoni fejn ghandna l-level ta’ trust generali f’ certi ufficjali.., ghax again, jirrizultalna hawn li l-Pulizija bhala Pulizija tahdem tajjeb, imma jekk ittiha l-ghodda ghandha biex tahdem, u kapaci tahdem, tajjeb? Jigifieri dana mhux diskors… mhux qed nghidu l-Pulizija, dan ahna qed nghidu elementi, elementi li huma krucjali pero`. Ghax li gara f’ dan il-kaz hu li qed insibu li l-elementi krucjali qeghdin b’ xi mod jew iehor fid-diagram tal-kwistjoni kollha. Ghax ghandek min hu habib hawn, min hu hemm, minn haw! Din lilna bilfors tinkwetana. Ghaliex mhix kwistjoni tal-Pulizija, kwistjoni li kien hemm element qawwi, u mhux zghir, ghax jizbalja wiehed, kulhadd jizbalja, imma donnu kien hemm.. ejja ma nghidux progett, imma xibka, tajjeb? Tghid, imma dana ghax ghandu jkun hekk? Kif wasalt..? Dawn huma affarijiet li jinkwetawk. Anke jekk ma humiex pruvati jew ghad iridu jigu pruvati. L-idea biss illi hawn din il-feeling fil-pajjiz, u ahna ghalhekk qeghdin hawn, mhux ghal provi, ghax il-provi li johorgu - johorgu, imma l-feeling hu dak; u dan ghadna ma sibniex risposta ghalih.

***Ix-Xhud :***

Fil-fatt nahseb jekk wiehed ihares lejn l-istorja ta’ pajjizna jsib livelli ohrajn illi wiehed ihares lejhom b’ certu rispett, bhal ma nhares jien lejkom, bhal ma jharsu l-popolazzjoni lejkom. Imma kien hemm ukoll element illi ma kienx u kellu corrosion u kellu interessi

***Imhallef A Lofaro :***

Ittiehdet azzjoni immedjata.

***Ix-Xhud :***

Appuntu. U hemmhekk huwa l-partijiet fejn wiehed ma jistax jeskludi qatt li jista’ ikollok habib, xi hadd, li jkun habib ta’ xi hadd. Meta jirrizultaw certu affarijiet li jkunu agixxew li jkunu hziena allura hemmhekk l-istorja hija differenti. Li huwa importanti ma huwiex il-hbiberija; li huwa importanti li

minkejja l-hbiberija.. bhal ma kellna anke kellna l-istorja fejn tidhol gudikatura, hafna drabi..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` l-kaz kien gie solvut fi granet eh!.

***Ix-Xhud :***
Le le, wiehed ihares lejn certu nies fil-gudikatura b' mod negattiv qabel jilhqu, wara li jilhqu jgholew 'il fuq minn certi hbiberiji ...

***Imhallef A Lofaro :***
Veru wkoll; they rise above it

***Ix-Xhud :***
…u partegjan. U anke hemmhekk ukoll fejn jidhol il-membri tal-Korp tal-Pulizija u kull persuna ohra, inkluz politici.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nerga' nghid, il-korruzzjoni, it-tahwid jezisti dejjem u mhux ser nikkontrollawh ahna; jigifieri jezisti. L-importanti li meta jigi identifikat wiehed jiehu passi; jigifieri dan ..

***Ix-Xhud :***
Ezattament. Naqblu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-problema ta' dan il-kaz hu l-passita` tieghu; il-passita` u l-kontroll f' certi livelli; dik. Jidher, almenu jidher minn hawn, qed nitkellmu issa.., li dawk li suppost qieghed hemm biex jikkontrolla, biex jidentifika, dak kien nieqes ghax hu stess kien b' xi mod jew iehor.. u ghalhekk qed nistaqsik jiena kemm domt Kummissarju b xi mod jew iehor dawn il-problema kienu.. kien hemm indikazzjoni taghhom?, fejn naf? Biex insemmu persuna li s-CEO f' Kastilja; jigifieri dana kellek idea li ser ikollna problema fuqu jew le? F' xi hin irrizultat din?

***Ix-Xhud :***
Fejn kien hemm..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Irrizultatlek? Ghax inti bhala Ministru trid toqghod attent the whole picture, mhux semplicement..

***Ix-Xhud :***
Kwalunkwe informazzjoni li jien kont nircievi dwar jekk setax kien hemm abbuz jew le, jekk setax ma agixxiex ghal raguni jew ohra; jiena ressaqthom lill-awtoritajiet ikkoncernati..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li huma l-Pulizija

***Ix-Xhud :***
Meta jiena ressaqt anke f' kazijiet illi ghandhom x jaqsmu jew seta' kellhom x' jaqsmu jew kien hemm possibbilta` li kien hemm, ressaqthom ghall-investigazzjonijiet. Minn hemm 'l hemm jiena..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma tidholx.

***Ix-Xhud :***
.. ma niffolowjax. Bhal ma iffolowjajtx affarijiet li sibt meta dhalt fl-ewwel xhur bhala Segretarju Parlamentari fl-ufficcju tal-Prim Ministru. Ressaqt rapporti minn investigazzjonijiet li saru lill-Korp tal-Pulizija, u ma staqsejtx fiex waslu sal-lum; ma nafx fiex waslu sal-lum. Li nista' nghid huwa illi jekk instab xi haga jew ma nstabx ma kienx hemm passi illi ttiehdu. Jien li nista' nghid huwa x' inressaq. Dak li jigi ghal konoxxenza tieghi. Dawk l-affarijiet meta kelli konoxxenza ghamilthom, ressaqthom. L-istess kif ghamilt meta kont gejt konoxxenti meta kien hemm wisilebrlower. Meta kien hemm whistleblower u waslet informazzjoni ghandi wara li ghamel ir-rapport u r-rapport wasal ghand is-Segretarju Parlamenenti jien ghedt lis-Segretarju Parlamenenti biex jibghat dak ir-rapport lill-Kummissarju biex il-Kummissarju jaghmel l-investigazzjonijiet mehtiega. Minn hemm 'l hemm sta ghal Korp tal-Pulizija biex jaghmel l-investigazzjonijiet. Jekk ikollhom bzonn ghodda iva dejjem kont disponibbli illi nghaddilhom dik l-ghodda; kont ghadni u nibqa' kull kaz li nkun naf jien nghaddih lill-Korp tal-Pulizija.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Li jgibni allura ghad-domanda l-ohra; hemm l-element ta' Ministru responsabbli ghal Pulizija u hemm l-element tal-Ministru politiku. Issa, ikollok il-kaz per ezempju tas-17 Black. Meta harget 17 Black hemm l-element tal-Pulizija li tghidlu Kummissarju - hawn dan il-kaz, ara x' hemm ghax hemm allegazzjoni, dak jikber dan mhux jikber u etc.. issa gie identifikat. Inti bhala politiku fil-Kabinett din il-kwistjoni resaqtha? Iddiskutejha? Il-Kabinett iddiskuta x' ser jaghmel b' allegazzjoni bhal din, vera jew mhix vera ma nafux, imma kienet allegazzjoni serja u sostanzjata b' xi mod b' zewg min-nies qeghdin hemm fil-Kabinett! Din giet diskussa jew ma gietx diskussa?

***Ix-Xhud :***
Wahda minn l-affarijiet illi wiehed jaghmel ma jiehux passi fuq semplicement allegazzjoni jekk ma jkunx hemm il-provi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri inti dak kien l-atteggjament

***Ix-Xhud :***
Sorry?

***Ix-Xhud :***
Dak kien l-atteggjament tal-Kabinett.

***Ix-Xhud :***
Le mhux il-…, il-pozizzjoni ta’ anke kemm l-investigaturi u kif ukoll ir-responsabbilta` ta’ min qed jiehu l-passi

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qed nistaqsik bhala politiku issa, mhux bhala Pulizija. Bhala politiku rinfacjat b’ sitwazzjoni bhal dik. Kieku jien Ministru naqra fil-gazzetta illi gara hekk hekk u hekk. Jien l-ewwel haga li naghmel naqbad it-telephone, indurhom kollha, x’ inhi din? X’ inhi din? Niltaqghu ha niddiskutuha

***Ix-Xhud :***
Il-Kabinett ma huwiex il-post fejn isiru l-investigazzjonijiet kriminali.

***Imhallef A Lofaro :***
U l-Panama Papers per ezempju?

***Ix-Xhud :***
Il-Panama Papers kien hemm diskussjoni on a one to one bases.

***Imhallef A Lofaro :***
Jigifieri bejnek u l-Ministru jew ..

***Ix-Xhud :***
Jew bejni u bejn il-Ministru jew inkella bejni u l-Prim Ministru

***Imhallef A Lofaro :***
U c-chief of staff nimmagina hux? Is-Sur Keith Schembri

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jiena ma kienx prezenti. Ghallinqas meta mort jiena ma kienx prezenti ..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma kien involut fil-Panama Papers ic-chief of staff.

***Ix-Xhud :***
Inti staqsejtni jekk kienx prezenti meta jien kont qed inkellem lill-Prim Ministru. Le ma kienx prezenti meta kellimt lill-Prim Ministru

***Imhallef A Lofaro :***
Le. Pero` inti lilu kellimtu lis-Sur Schembri dwar ..

***Ix-Xhud :***
Ma ghandix ghalfejn nitkellem mieghu. Jiena r-responsabbilta` tieghi hija lejn il-Prim Ministru

***Imhallef A Lofaro :***
Lejn il-Prim Ministru.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
X’ relazzjoni kellek ma’ Keith Schembri?

***Ix-Xhud :***
Ir-relazzjoni kienet wahda ta’ ufficjal fl-ufficcju tal-Prim Ministru, l-oghla ufficjal; ma nistax nghid li ma konniex hbieb. Ma nistax nghid lanqas illi meta kelli problemi ta’ anke kif wiehed ser jimxu ‘l quddiem fuq certu progetti jew inkella.. jekk forsi naghti daqsxejn dettal; kellna issue fuq self li ridna naghmlu biex naghmlu progett tal-Housing. Tmienjna u hamsin miljun mill-European Investment Bank u minn Council of Europe Bank. Fuq bazi kif inbena l-parlament. Meta morna ghandhom qalulna li dik kienet ta’ darba u mhux ser jaghmlu l-istess haga kif ghamlu fil-bini tal-parlament. U allura kellna nsibu sistema ta’ kif dan is-self jista’ isir, u kellna diversi dikussjonijiet u naghmlu arangamenti halli dan is-self eventwalment jista’ isir. Fil-fatt il-ftehim intlahaq hmistax – tliet gimghat qabel l-elezzjoni ta’ l-2017. Gimgha wara l-elezzjoni l-Ministru tal-Finanzi kien iffirma biex dak is-self ikun jista’ isir mill-European Investment Bank u mill-Council of Europe Bank. Kellna naraw kif noholqu strutturi u kif induru mas-sistemi halli dan is-self ikun possibbli. Hemmhekk iva kien ikolli hafna laqghat biex inwettqu dak li konna qeghdin inweghdu.

***Imhallef A Lofaro :***
Mas-Sur Schembri

***Ix-Xhud :***
Mas-Sur Schembri.

***Imhallef J Said Pullicino :***
One to one; allura l-Kabinett progetti kbar kien jiddiskutihom?

***Ix-Xhud :***
Kien ikollna brief f' hafna mill-kazi

***Imhallef A Lofaro :***
Imma diskussjoni kien ikun hemm?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Wara li tkun saret id-decizjoni jew inkella qabel?

***Ix-Xhud :***
Per ezempju, jekk issasni u tghidli.., u pero` ser ikolli mmur daqsxejn lura jekk ma jimpurtax. Jekk tghidli jekk kellniex diskussjoni jekk kellniex bzonn Power Station. Trid tmur x' kienet is-sitwazzjoni fl-2013. Fl- 2013 l-Enemalta kellha disa' mija u erbghin miljun ewro dejn. Kellha promise li ser ikollha disgha u erbghin miljun dejn iehor mizjud, dan ma' tul l-2013. Kellha liabilities iktar milli kellha assets. Kellha taghti mija u erbghin miljun ewro dazju u sisa. Decizjoni f' hakka t' ghajn illi l-ligi ambjentali gewwa pajjiza qabel l-2013 kienet inbidlet minn energija minn sors ta' gass xi hadd iddecieda illi jibdel ir-regoli u jaghmilhom minn heavey fuel oil. U allura kien ikollna problemi wkoll ambjentali. Kellna power stations illi kienu ghamlu zmienhom u kien l-Enemalta qed traqqa fihom. U eventwalment kien hemm decizjoni li anke billi kien hemm l-interconnector kien ser isir ma kellniex bizzejjed security of supply lokalment. U allura kellhom jinbidlu whud mill-power stations illi nbidlu bill-gass, l-iktar wahda ricenti bl-istorja famuza ta' BWSE, illi inbidlet ghal gass jew inkella gasoil. Kellna l-power stations l-ohrajn li kellhom jghalqu ghax kienu outdated kompletament u kienu qed ihammgu l-ambjent. Wahda minnhom il-Marsa inzammet u inbidlet ghal gasoil, u mbaghad kien hemm nuqqas ta' security of supply. U hemmhekk jekk wiehed imur lejn anke r-rapport ta' l-NAO u kif ukoll anke r-rapporti tal-Kummissjoni Ewropea fejn tat il-green light biex seta' jigi ffirmat is-security of supply agreement ma' l-Electrogas. U hawnhekk ser naghmel pawsa zghira.

Il-process ma narax problema ghaliex kellha ssir power station. Iva kellha issir power station; kuntrarju l-pariri li kien qed jinghata l-gvern minn persuni

ohrajn min-naha ta' l-oppozizzjoni, ghax kont nista' nimmagina x' kienet gejja l-mistoqsija; imma jekk kien 'hemm xi haga hazina warajha tibqa hazina dejjem. Jekk kien hemm forma ta' korruzzjoni u jinstab li kien hemm korruzzjoni warajha huwa hazin u wiehed ghandu jagixxi. Jekk kien hemm arrangementi minn wara l-kwinti hazin u ghandhom jittiehdu dawk il-passi. Malli jkun hemm il-provi li kien hemm l-affarijiet u l-mod kif saru jekk kien hemm affarijiet li saru hazin kif qed jigi allegat jiena nkun l-ewwel wiehed li naghti s-sapport kollu tieghi biex nara illi dawk il-passi jkunu qed jittiehdu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fuq dan m' hemmx kwistjoni. Jigifieri ahna ma ahniex hawn biex niddeciedu id-decizjoni politika li tinbena; apparti li wiehed jista' jaqbel maghha, mhix problema. L-issue wkoll li jekk wiehed ghamel hazin ghandu jigi imfittex hux. Il-problema hi c-checks and balances biex jikkontrolla kif ser jinhadem dan il-progett dawn fejn kienu? Jigifieri min hadimhom dawn?

***Imhallef A Lofaro :***
Mill-Kabinett kollu?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax il-progett fih inniffsu si haga tajba, xi haga sabiha u saret, kollox sew. Il-problema mhix dik, il-problema jekk hemm hazin, jekk hemm xi hadd minn barra jaghmel hazin nifhimha. Il-problema nerga' nghidlek, il-korruzzjoni tezisti dejjem, u jekk xi haga minn barra.. xi hadd minn barra jaghmel hazin. Il-problema hi li jekk xi hadd minn gewwa jaghmel hazin. Ghax imbaghad hemmhekk l-issue. Ghax minn gewwa trid tara dan kif hadd ma nduna bazikament!

***Ix-Xhud :***
Il-Kabinett jinghata brief tal-progett.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ta' kif ser isir; ta' kif ser isir; mhux id-dettal

***Ix-Xhud :***
Imma mhux il-kuntratt, il-kuntratt qatt ma jigi quddiem il-Kabinett. L-ebda kuntratt.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma min ser ikunu l-investituri u hekk le?

***Imhallef A Lofaro :***
L-investituri

***Ix-Xhud :***
Ikunu pubblici

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma..

***Ix-Xhud :***
Ikunu pubblici; meta inti ghandek process illi kien hemm tnaqqis ta' persuni..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Bhal Vitals; bhal Vitals ikunu pubblici u hadd ma jaf min huma; mhux hekk gara?

***Ix-Xhud :***
Ghaliex?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghax tal-Vitals hemm hafna kumpaniji wkoll…, u tfittex u ma ssibx.

***Ix-Xhud :***
L-Electrogas kulhadd kien ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
L-Electrogas nafu min huma

***Ix-Xhud :***
L-Electrogas kulhadd kien jaf min kien

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe yes; fair enough, hekk hu. Imma jigifieri l-problema hi din; jigifieri li intom kif .. il-process ma nidhlux fih, approvajtu fil-Kabinett kif kien suppost li jsir il-progett; l-issue tibqa' imbaghad kif gie realizzat. U li inti kemm domt hemmhekk inti fil-Kabinett ma kien hemm xejn x' jinkwetak illi kien hemm xi hadd li kellu tant sahha jew tant involvement illi b' xi mod jista'… din; ghax din the whole issue.

***Ix-Xhud :***
Kont inkwetat.. kont inkwetat meta telghet l-ewwel informazzjoni illi l-Enemalta kienet f' xifer precipizzju li hadd ma ried jislifha; la l-banek Maltin u lanqas il-banek internazzjonali ma riedu jisilfuhom ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
U mbaghad dahlet ..

***Ix-Xhud :***
U l-Enemalta kienet ser tigbed maghha l-banek u l-gvern Malti ghax kienet falliment komplut. Parti mix-xoghol.., u ghalhekk jien qed nghid, isma' huwa falci li llum thares lura u tghid setghu saru affarijiet ahjar. Imma trid tara c-cirkostanzi, u allura ma nistax nahrab mill-parti politika. Trid tara c-cirkostanzi x' kienu dak inhar, u l-azzjoni li kellha tittiehed malajr; u certu sapport li kellu jinghata malajr biex naslu illi jkollna seciruty of supply. Ftit tax-xhur ilu meta inqata' l-interconnector bis-sitwazzjoni li konna ma kellniex supply bizejjed illi naqdu d-domanda ta' pajjizna. U mhux kull tant itir 'l hawn u 'l hemm minhabba gonot antiki. Ma kienx ikollna eletriku ghal Malta u Ghawdex kollha. Dik kienet is-sitwazzjoni.

***Imhallef A Lofaro :***
Iva veru.

***Ix-Xhud :***
U ma nistax jien nahrab mill-fatt ta' decizjonijiet illi ittiehdu minn l-att politiku. Issa ser nerga' nirrepeti. Minn l-att politiku kien hemm bzonnha? Iva saret. Kien hemm affarijiet li setghu ma sarux sewwa? Nitghallmu minnhom. Hemm affarijiet li seta' kien hemm collusion jew inkella korruzzjoni, jekk jinstab jittiehdu passi.

***Imhallef A Lofaro :***
Korruzzjoni le.

***Ix-Xhud :***
U jiena ser inkun wiehed li nara li jittiehdu dawk il-passi. Mhux ser ikun hemm ismijiet u nwaqqaf investigazzjoni.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Semmejt din ta' defaulting ta' l-Electrogas; dik kont taf biha dak iz-zmien voldieri f' Novembru tas- '17 meta harget?

***Ix-Xhud :***
Li kont naf kienet illi l-gvern kien kwazi biex nghid hekk konvint illi min-naha tal-Kummissjoni Ewropea ser ikun qed jaghtu l-green light ghas-security of supply agreement, u allura l-bridge loan illi kien hemm bzonn kienet importanti halli l-progett isir. Imma trid tiehdu fil-parametri ta' x' kien is-sitwazzjoni ta' pajjizna. Illi jekk ma ssirx allura Malta kien ikollha problemi kbar jekk xi sistema minn generazzjoni ta' l-eletriku tmur hazin bhal ma fil-fatt gara.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Saret xi investigazzjoni min-naha tal-gvern biex tara ‘l ghaliex l-Electrogas waslet f’ dak l-istat meta kienet inghatat sitt mitt miljun diga`?

***Ix-Xhud :***
Jekk saru xi investigazzjonijiet jien ma kontx konxju taghhom u minhiex konxju taghhom.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma kienux jigu diskussi dawn l-affarijiet fil-Kabinett?

***Ix-Xhud :***
Li jkun hemm bzonn ta’ bridge loan ikun hemm awtorizzazzjoni imma ma ghandekx ghalfejn investigazzjoni ghax konna nafu illi l-Kummissjoni Ewropea kwazi biex nghid hekk kemm assigurazzjoni illi l-green light kien hiereg u allura malli jigi ffirmat is-security of supply agreement dik il-bridge loan awtomatikament titwarrab min-nofs. Imma trid tidhol fil-parametri x’ kien hemm bzonn dak inhar. With hindsight ..

***Imhallef A Lofaro :***
Le insa hindsight. Smajna hawnhekk fuq Kitchen Cabinet; x’ ghandek x’ tghidilna fuqu dan?

***Ix-Xhud :***
La kont naf bih u lanqas kont parti minnu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` kien jezisti?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx. Jekk jiena ma kontx konxju tieghu kif nista’ inkun naf?

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` mintix teskludi.

***Ix-Xhud :***
Nista’ neskludi xi haga li ma nafx?! U lanqas nista’ nikkonferma

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu. Pero` tista’ tikkonfermalna illi certi decizjonijiet fuq progetti kbar..

***Imhallef A Lofaro :***
Dejjem l-istess nies..

***Imhallef J Said Pullicino :***
… la inti u lanqas hadd minn shabek fil-Kabinett ma kontu tkunu tafu bihom meta qed isiru. F' xi zmien issiru tafu. Imma meta jkunu qed isiru.. meta jkunu qed jinhmew apparentament id-decizzjonijiet.., hekk qalulna almenu, jittiehdu band' ohra. Ghax lanqas il-Ministru tal-Finanzi ma kien jaf!

***Ix-Xhud :***
Jiena sta ghal Ministeru tal-Finanzi li jghid x' kien jaf u x' ma kienx jaf, jiena minhiex il-porta vuci… ma jiena l-porta vuci ta' hadd. Illi nista' nghid hija li numru ta' progetti jibdew u mbaghad waqt li jkunu ghaddejjin b' dak it-tip ta' progetti wiehed imbaghad jaghmel l-assessment necessarji. Jekk konna qeghdin nitkellmu fuq power station nahseb li kienet xi haga maghrufa..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le, il-power station haga ohra

***Ix-Xhud :***
Le le, kienet xi haga maghrufa illi kellna bzonn power station

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva Onorevoli, il-power station progett li beda qabel l-elezzjoni, naqblu. Progett li kien beda kwazi ma' l-amministrazzjoni ta' qabel li irrifjutatu, irrifjutatu. Jigifieri fit-2013 ma kienx hemm kwistjoni li din id-decizjoni tal-power station kienet decizjoni politika il cavallo di battaglia tal-gvern; jigifieri kien ser isir zgur u haga tajba li saret. Ma qed nghid xejn fuq daqshekk ..

***Ix-Xhud :***
. ..jiena, x' gie propost; jien x' gie propost mill-gvern precedenti….

***Imhallef J Said Pullicino :***
No, qed nghidlek x' irrizultalna hawn, mhux qed nivvintah ta! X' irrizultalna hawn. Il-punt huwa dan, li veru illi power station id-decizjoni ttiehdet politika dak iz-zmien, se mai jistaqsi x' kienu jaghmlu fir-raba'sular u min iltaqa' u ma iltaqax, u imma dawk affarijiet ohra, qed niftehmu? Jigifieri mhux dan il-punt. Decizjonijiet ohrajn wara l-power station hawn kunsens kienu qalulna, li ma kienux jafu bihom. U tal-Vitals wiehed minnhom, wiehed mill-kbar, qed tifhem? Jigifieri u ma rridx illi niehdu l-impressjoni illi l-Kabinett kien qieghed hemm ghal affarijiet day-to-day business u kulhadd kien qieghed fil-bozza tieghu u ma jafx x' qed jigri n-naha l-ohra. U l-Ministru jghidli dina iffirmajtha biss; l-iehor jghidli ma kontx naf; tajjeb? Il-Pulizija jghidli jiena qed naghti policy! I mean din mhix xi haga li lilna tolqotna pozittivament. Issa mbaghad wiehed jara. Din qed nipprova nispjega jien ahna ghalfejn qeghdin hawn, tajjeb? Ma nistghux… mux qeghdin hawn biex nghidu – tajjeb, hazin!

Qeghdin … management ta’ l-amministrazzjoni, jekk ghandux ikun hekk jew mod iehor.

***Ix-Xhud :***
Jien li nista’ nghid huwa haga wahda illi qabel l-2013 it-tariffi kienu qed joghlew, l-ambjent kien qed jigi mhammeg ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dan naqblu kollu; kollu naqblu..

***Ix-Xhud :***
Yes, imma tini cans naghmel id-dikjarazzjoni jiena wkoll. Li l-ambjent kien qed jigi mhammeg; it-tariffi kienu qed joghlew; id-dejn kien qieghed jizdied, l-Enemalta kienet falluta. Kienet ittiehded decizjoni, apparti il-power station. Ghax jekk noqghodu insemmu certu affarijiet wiehed jista’ jsemmi d-decizjoni li t-tariffi jorhsu. Ir-raba’ l-orhos fl-Unjoni Ewropea. It-tieni l-orhos fiz-zona Ewro. Jekk ahna mmoru biex nitkellmu fuq l-ambjent, l-ambjent iktar nadif. Jiena qatt ma ghamilt investigazzjonijiet x’ kienet ir-raguni illi f’ daqqa wahda kellna ligi ambjentali illi giet miksura u bir-rizultat li thammeg l-ambjent! Ghax l-investigazzjonijiet nista’ naghmel tal-lum u nista’ naghmel tal-bierah. Jien qieghed hawnhekk biex nagixxi u naghti servizz lill-poplu Malti u Ghawdxi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dan kollu huwa granted pero` mhux il-mertu taghna. Ghax ..

***Ix-Xhud :***
Ikun hemm certu kummenti li jiena nkun irid nghaddi l-kumment

***Imhallef J Said Pullicino :***
No no.. imma .. ghaliex fl-ahhar minn l-ahhar kulhadd irid ikollu…. X’ inhija l-assessment tieghek fuq Keith Schembri fil-Kabinett?

***Ix-Xhud :***
Li kien jattendi ghal Kabinett. Ftit kien jinvolvi ruhu. Jekk involva ruhu kienu biss wahdiet meta ntalab parir fuq l-ahjar direzzjoni. Imma qatt ma kienet fuq progetti.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Keith Schembri

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kien hemm relazzjoni bejn Keith Schembri u Konrad Mizzi li tirrizultalek int?

***Ix-Xhud :***
Naf li kienu hbieb; sa fejn kienet tasal dik il-hbiberija dik huma jistghu jirrispondu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont mistieden ghal party tal-Girgenti? Ghal festin tal-Girgenti kont mistieden inti?

***Ix-Xhud :***
Liema wiehed?

***Imhallef A Lofaro :***
Tal-birthday tal-Prim Ministru

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
X' kienet ir-reazzjoni tieghek meta harget l-ewwel darba l-istorja tal-Panama Papers u min-nies li setghu kienu involuti fiha?

***Ix-Xhud :***
Jekk wiehed jara ezattament fejn hargu, ha nkun onest mieghek, kont daqsxejn xettiku, ghax hafna certu rapporti li kienu johorgu fil-blog, ghallinqas fuqi, ma kienux ikunu ezatti jew inkella ma kienux ikunu veritieri. Imma ovvjament wara ftit sieghat irrealizzajt li kien hemm ammont ta' informazzjoni illi l-ewwel haga kumment illi kelli kienet specjalment illi ghandek certu politically… persons politically naive illi jasal...

***Imhallef A Lofaro :***
Naive?

***Ix-Xhud :***
… biex attwalment jaghmel xi haga hekk. L-informazzjoni

***Imhallef A Lofaro :***
Naive hux ghedtilna? Naive.

***Ix-Xhud :***
Le le, politically naive.

***Imhallef A Lofaro :***
Naive.

***Ix-Xhud :***
Ghax l-ewwel haga qatt ma ghandek taghmilha jekk tkun fil-politika. Iktar u iktar jekk kellek skopijiet ohrajn illi mbaghad jista' ikun jew inkella huwa allegat illi ghal xiex kienet saret dik l-offshore company

***Imhallef A Lofaro :***
Qed tirreferi ghall-Ministru Mizzi meta qal illi kienet family planning purposes?

***Ix-Xhud :***
Dik hija x' qal hu..

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk qal.

***Ix-Xhud :***
Dik hija x' qal hu. Jekk jirrizulta li kienet ghal affarijiet ohrajn allura jittiehdu..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ghalhekk ghedtilna li politically naïve,

***Ix-Xhud :***
…anke li kieku ghal affarijiet tieghu personali…

***Imhallef A Lofaro :***
Kien politically naive

***Ix-Xhud :***
. ..ma mexxux ghamilha, anke ghal raguni li qal hu.

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Le, ma messux ghamilha.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Illum nafu wkoll, irrizulta voldieri jigifieri minn forum pubbliku, illi hemm ukoll is-17 Black involuta fiha din. Again, I mean issa qed naraw konnessjoni 17 Black, Electrogas, Keith Schembri, Konrad Mizzi, Panama Papers ..;

***Imhallef A Lofaro :***
Nexia BT…

***Imhallef A Lofaro :***
Hawn xibka, hawn net ta' connections illi mhux suppost qeghdin hemm.

***Ix-Xhud :***
Ha nerga' nirrepeti dak li ghedt iktar qabel. Jekk minn l-investigazzjonijiet dak li qed jigi allegat huwa vera, ghandhom jittiehdu l-passi kriminali kontra min abbuza.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma messhomx illi irrezenjaw qabel dawn in-nies jew jintalbu jirrezenjaw sakemm issir din l-investigazzjoni?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda hija jekk fil-Kabinett intalbitx ir-rezenja taghhom

***Imhallef A Lofaro :***
Ir-rezenjza.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm opinjonijiet diversi anke 'l barra mill-Kabinett; imma mbaghad kien hemm decizjonijiet li kulhadd jafhom u dawk li ittiehdu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U dawn ittiehdu fil-Kabinett? Fil-Kabinett ittiehdu?

***Ix-Xhud :***
Barra mill-Kabinett.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma fil-Kabinett ma jigux diskussi dawn l-affarijiet?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dottore, trid tifhimna ftit; qeghdin f' sitazzjoni niddiskutu xi haga illi qanqlet terrimot fid-dinja, mhux f' Malta, u mhux fuq Malta, fid-dinja qajmet terrimot, dan mhux diskuss. Il-fatti ovvjament huma veri ghaliex huma provati, jigifieri

almenu accettati universalment li veri; tant hu hekk li kien hemm min irrezenja minn Prim Ministru u minn Ministru, min ghadda guri; kollox kien hemm..

***Imhallef A Lofaro :***
Barra minn Malta imma.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hawn Malta ma gara xejn. Issa inti tghidli ittiehdet decizjoni politika biex wiehed ma jibqax hekk u jsir hekk. Imma l-verita` l-passi li ttiehdu x' inhuma f' dan il-pajjiz? Ghaliex id-domanda hija din u biex tifhimha sewwa inti; id-domanda hi illi li kieku ttiehdu l-passi li suppost ittiehdu dak iz-zmien, u qed nitkellmu Panama Papers issa, tajjeb? Kieku forsi dak li gara wara, kieku l-assissinju kieku ma garax, ghaliex il-passi ittiehdu.. kienu jittiehdu, u n-nies kienu jkunu gew imwarrbin. Issa tghidli dan kollu ipotetiku; imma ahna x' ghamilna f' sitwazzjoni bhal din? Kif tista' tghid - jiena ma naghmel xejn jekk id-dinja kollha …! U bil-Malti ghamlitilna hsara lid-dinja kollha din ukoll.

***Imhallef A Lofaro :***
U Ministru ha nfakkrek f' xi haga li ghedtilna inti stess; smmejt il-gudikatura. Qabel ma ghaddew il-process gudizzjajru dawn intalbu jirrezenjaw. Mela f' dak il-kuntest tista' twegibna issa ghad-domanda tal-Prim Imhallef Said Pullicino jekk jogghbok?

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jien mhux ghaddej process gudizzjarju bhalissa fuq il-Ministru Mizzi u fuq is-Sur Schembri.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma lanqas dak iz-zmien ma kien ghaddej. Lanqas dak iz-zmien fuq il-Prim Imhallef u fuq l-Imhallef Vella, u imbaghad wara kien hemm l-Imhallef Ray Pace; dawn intalbu jirrezenjaw.

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghid huwa illi meta jkun hemm ovvjament investigazzjonijiet li jkunu ghaddejjin, ikun hemm provi konkreti u ser ikunu qed jittiehdu l-passi ovvjament jintalbu jirrezenjaw. Jekk il-process ghadu taht investigazzjoni ..

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` fil-fatt irrezinjaw issa dawn.

***Ix-Xhud :***
Jekk ikun ghaddej il-process investigattiv sakemm ma jkunx hemm provi konkreti illi fuqhom allura wiehed ikun ser imexxi, allura l-pozizzjoni tkun

differenti. Li nista’ nghid huwa illi sa fejn niftakar jien ma kinetx diskussa at cabinet level imma b’ kull wiehed minnha kien mitlub ghal laqgha mal-Prim Ministru, wahdu

***Chairman Imhallef M Mallia :***
One on one.

***Ix-Xhud :***
One on one

***Imhallef J Said Pullicino :***
Biex jiccekkja jew kellkomx jew le kontijiet intom, hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Mela ghal xiex?

***Ix-Xhud :***
Biex jara wkoll x’ inhi l-opinjoni taghna.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sewwa. Imma inti nahseb li taqbel maghna illi trasparenza u l-kontabbilita` ta’ amministrazzjoni tiddependi wkoll fid-decizjonijiet politici li jittiedu biex dak li jkun ma jpoggix il-gvern kollu u l-pajjiz f’ dell ikrah. Jigifieri d-domanda hi din: jekk f’ dak il-mument jekk il-persuna wahda, tnejn, huma kemm huma, kellhom ombra fuqhom ta’ dak it-tip kellux ikun il-kaz illi politkament dawna jitwarrbu, apparti jekk hemmx provi jew le, ghax il-provi gudizzjarju, u jekk hemmx xi prova konvincenti u x’ naf jien, mhux dan il-punt. Politically is-sitwazzjoni kienet dik. U jien qed insaqsi issa amministrattivament ghax ahna ghalhekk qeghdin hawn, x’ kellha tkun ir-reazjoni fil-mument li hargu l-Panama Papers? U dik ghalina hija domanda kbira.

***Ix-Xhud :***
Ha l-onus fuqu l-Prim Ministru billi kellem ovvjament lill-persuni, u hekk jirrizultali, u kellem lil kull membru fil-grupp parlamentari.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri d-decizjoni hadha l-Prim Ministru ta’ dak iz-zmien

***Imhallef A Lofaro :***
Refaghha hu

***Imhallef J Said Pullicino :***
Refaghha hu.

***Ix-Xhud :***
Il-Prim Ministru refaghha fuq spallejh illi jkellem kull persuna u agixxa skont l-informazzjoni li kellu at that moment in time. Meta l-affarijiet komplew jimxu ‘l quddiem eventwalment anke hu hass li kellu jerfa’ responsabbilta` politika u irrezenja

***Imhallef J Said Pullicino :***
Eventwalment ha nghidlek, jigu hu u jispjegalna wkoll anke f’ dak iz-zmien x’ gara. Ahna ma nhallu lil hadd barra.

***Ix-Xhud :***
Appuntu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ahna li rajna daqsxejn mhux tas-soltu ghal fatt illi meta harget l-informazzjoni tal-Panama Papers il-Pulizija ma agixxietx

***Imhallef A Lofaro :***
Ma baghatix ghalihom lil dawn in-nies biex tinvestigahom

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U l-ewwel ombra ta’ investigazzjoni saret minn l-inqas sena wara meta l-informazzjoni, l-provi, id-dokumenti kienu lahqu sparixxew.

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jiena.., subject to correction..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Ghaliex damu sena? Ahna nafu l-Pulizija meta jridu jagixxu kemm jagixxu malajr.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm Dipartimenti ohrajn li agixxew b’ mod amministrattiv. Jekk imbaghad dawk ma ghaddewx ovvjament min-naha tat-taxxa etc; jigifieri min-naha tas-setturi ta’ Finanzi ttiehdu passi amministrattivi. U ma kienx biss fejn ghandu x’ jaqsam l-ekx Ministru Mizzi jew inkella s-Sur Schembri, imma ittiehdet ma’ kull min kellu investigazzjoni li inqabad taht l-istruttura ta’ Panama Papers.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-fatt li nghidu li kien hemm 272 u dawn kienu maghhom, I mean that is not the issue eh! Ghax hawn qed nitkellmu fuq dawk it-tnejn partikolari, jew tlieta kemm huma. Id-domanda hi din ..

***Ix-Xhud :***
Jekk kien hemm dan kulhadd kellu haizn; mhux tnejn biss.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda hi din; illi l-iktar haga gravi li wiehed jara fid-dewmien jew fin-nuqqas ta' azzjoni, ha naghmlu hekk, huwa l-fatt illi l-evidenza tosfor ..; qed tifhem? ma issibhiex, kif taf inti. I mean inti kont fil-Pulizija u taf x' jigifieri. Allura meta wiehed jghid li hemm server ghand accountant, server Kastilja li kien ta' informazzjoni u dik ma tigabarx mill-ewwel, awtomatikament inti qed tippregudika l-investigazzjoni. Issa inti ma kontx responsabbli m' hu ser nistaqsik xejn, ser jigi jaghmilha min suppost jghidha, tajjeb? Pero` dan jinkwetana lilna. Illi l-evidenza l-iktar importanti ma ssibhiex. Ini taf per ezempju jekk kellux jew le Nexia BT u s-Sur Tonna relzzjoni f' Kastilja? Jew kellux ufficcju ghalih? Ma nafx jien jigifieri. Min jghidilna kellu, min jghid ma kellux

***Ix-Xhud :***
Jiena qatt ma gejt mistieden

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qatt ma rajtu.

***Ix-Xhud :***
..u qaluli dan l-ufficcju at' Nexia BT.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Lanqas id-desk forsi? xenj

***Imhallef A Lofaro :***
Jew xi desk forsi?

***Ix-Xhud :***
No.

***Imhallef A Lofaro :***
No.

***Ix-Xhud :***
Ma naf l-ebda kamra li kienet .

***Imhallef A Lofaro :***
Le le mhux kamra; desk. Desk x' imkien

***Ix-Xhud :***
Desk lanqas.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Jien ghalhekk staqsejtek fejn hu l-ufficcju tieghek ghax jiena kont taht l-impressjoni li kellek xi ufficcju Kastilja fejn allura.. bhala Home Affairs, fejn allura kien ikollok aktar

***Ix-Xhud :***
Le; Srait Street. 201 minghalija xi haga

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Lil Yorgen Fenech kont tafu?

***Ix-Xhud :***
Yorgen Fenech ma kontx nafu. Iltqajt darba mieghu u iltqajt mieghu bhal ma iltqajt ma diversi NGOs, ma' diversi investituri ohrajn, l-ufficcju tieghi meta kont Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
U f' liema kuntest iltqajt mieghu? Ghal xiex?

***Ix-Xhud :***
Kien gie jkellimni fuq progett illi huwa kellu u kien ressaq ghal progetti tal-land reclamation …

***Imhallef A Lofaro :***
Hdejn Filfla hux?

***Ix-Xhud :***
…illi kien hemm 23 progett. Wiehed minnhom kien ta' Tumas Group, flimkien jista' ikun ma' persuni ohrajn, ma nafx

***Imhallef A Lofaro :***
X' imkien hdejn Filfla minghalija

***Ix-Xhud :***
Imma li l-pjan kien 'il barra minn Portomaso; li kienet estensjoni fejn kellu progett illi jibni Hotel 6 Star, u illi minn dak il-progett kien wiehed illi tressaq ''il quddiem. Kien gie jkellimni; kien gie jkellimni hu fil-prezenza tas-CEO tal-MEPA u jista' ikun xi ufficjal iehor minn l-ufficcju tieghi. U kont ghedt lis-CEO tal-MEPA ghax kont naf li gej ikellimni fuq il-progetti li hu ressaq ghal land reclamation

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma gie jkellemk in konnessjoni ma' l-Imriehel ukoll?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma' l-Imriehel ma' min tkellem allura?

***Ix-Xhud :***
Mieghi le. Jekk tkellem ma' haddiehor ma nafx

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Pero` l-permess tal-high rise bhala policy mid-Dipartiment tieghek hareg, le?

***Ix-Xhud :***
Mela l-floor area ratio bhala policy kien tezisti fl-2013. Fl-2013 Malta u Ghawdex kollu seta' jinbena floor area ratio high rise; iktar minn ghaxar sulari, Malta u Ghawdex kollu. Il-gvern, meta kont hemm jiena konna ddecidejna illi bhaal policy le ma nhallux li tkun wiehed jista' japplika ghal Malta u Ghawdex kollu, u anke harisna eventwalment lejn policy illi fil-fatt kienet tressqet fl-2010. Fl-2010 kien hemm PC application 57/10 fejn kien hemm mitluba local plan review. Kienet approvata fl-2012 u li kienet hekk: li apparti l-Imriehel li fiha bl-FAR policy li kien hemm qabel seta' isir high rise buildings. Imma l-PC li kienet approvata fl-2012 kienet taghti l-fakulta` wkoll, jekk inti jkollok hamsa u ghoxin elf metru kwadru ta' art tista' tinjora l-floor area ratio policy u tibni sa 40 metru gholi illi allura huwa bejn wiehed u iehor 13-il sular, minghajr ma tigi osservata l-floor area ratio. Fl-2013 konna ghamilna konsultazzjoni pubblika fejn imbaghad bhala policy kienet tressqet u tat dik il-konsultazzjoni pubblika u rcivejna numri ta' punti. Wiehed mill-punti illi kien qam kienet illi l-Imriehel fl-2012 kienet approvata bhala corporate village, u eventwalment kellha tkun employment hub u ma tibqax iktar an industrial area. Fid-diskussjonijiet illi kien hemm l-Imriehel mhux iddahhlet, l-Imriehel thalliet ghax kienet diga` tista' tibdni, bid-differenza imma illi filwaqt li inti stajt tibni fuq l-art kollha li kellek u tibni high rise, dahhalna regoli

godda. U allura ha mmur ghal ittra illi harget ftit siegha wara. F’ dik l-ittra jitkellem car illi kull fejn ghandek high rise irid ikollok toroq mad-dawra; kuntrarju kif kien qabel. Qabel ma kienx wiehed jinsisti li jkollok toroq. Fil-policy irid ikollok it-toroq mad-dawra. Apparti minn hekk il-parti li ma tinbniex ma tibqax iktar private imma ssir public. B’ dik id-decizjoni biss l-Imriehel fejn qeghdin jinbdew il- 4 towers il-consortium involut tilef elf erba’ mija u hamsa u hamsin metru kwadru ta’ art biex isiru t-toroq; u allura trid tnaqqas mill-formola kemm inti jista’ ikollok floor space. Meta wiehed jara l-formola li tinhadem ta’ l-FAR f’ dan il-kaz partikolari kien ta’ five point four (5.4). Jekk wiehed jista’ jara kemm kien hemm tnaqqis ta’ dik id-decizzjoni dik l-ittra tad-developable floor space l-consortium tnaqqaslu b’ sebat elef tmien mija u sebgha u hamsin metru kwadru. Jekk inti timmultiplika li kieku kellu jbieghha dak l-ammont li naqqasna, kieku kellu jbieghha bil-going rate l-ammonti titla’ ghal diversi miljuni. Bazikament qieghed nghid u allura ha niehu assumption, bhal ma diga` kelli mistoqsijiet tajt diveri assumptions. Jekk kellu jigi jkellimni kellu jigi jkellimni biex ma naghmilx il-policy, inhalli l-policy li kien hemm qabel ghax kien jaqbillu, hu u l-consortium li kien jappartjeni minnu. Ghal darba ohra nikkonferma, le, qatt ma kelli diskussjoni mieghu fuq l-Imriehel. U sa fejn jiena konxju qatt ma iltqajt mas-Sur Fenech qabel jew wara dak inhar.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Kont taf bil-hibirija li kellu mas-Sur Schembri?

***Ix-Xhud :***
Le; imma nassumi illi s-Sur Fenech bhala businessman kbir ghandu hbiberija ma’ hafna niex bhal ma’ hemm diversi kuntrattur ili ghandhom hbiberija ma’ partit, ma’ iehor, isostnu partit, isostnu partit iehor..

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Imma jiena qed insaqsik, qed insaqsik, fl-isfond ta’ dak illi hareg sussegwentement kont taf illi kien hemm dik il-hbiberija bejniethom?

***Ix-Xhud :***
Ma kontx naf b’ dik il-hbiberija. Dik il-hbiberija jistghu jikkonfermawha huma u mhux jien. Jien ma kontx konxju tal-hbiberija jew inkella sa fejn twassal dik it-tip ta’ hbiberija.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont komdu imma li negozjant bhal Keith Schembri li kien negozjant tajjeb,…

***Ix-Xhud :***
Ma fhimtekx; jimporta..?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk kontx komdu fil-Kabinett illi jkun hemm prezenza ta' Keith Schembri, li huwa negozjant tajjeb, fl-isfond ta' politika tal-gvern tajba u mhix kontestata li jkun business friendly, u l-possibbilta` li hu jkun imdahhal f' diversi interessi li jkunu attwalment ….; Ha nsemmilek biss haga li ma semmejnihiex hawn imma ser insemmuha, l-affarijiet tal-krejn, tajjeb? Il-krejn ovvjament kien hemm dan l-involviment tajjeb u hazin. Inti bhala… kun cert issa, bhala policy fil-gvern, fil-Kabinett qed jiddiskuti. Kont kondu li kien hemm din il-prezenza? Jigifieri bil-Malti x' sahha hassejt li kellu s-Sur Schembri fid-decizjonijiet bhal dawk? X' sahha ta?

***Ix-Xhud :***
Nista' nghid illi fil-Kabinett ftit li xejn kien jinvolvi ruhu fid-diskussjonijet. Li nista' nghid ukoll illi meta kien hemm issues illi kont kelli bzonn illi niddiskuti kont inhossni komdu minhabba l-backgrouf b' certu progetti illi eventwalment gew imtejba minn mod kif kienu qed jigu prezentati originarjament.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma eventwalment apparentament il-Kabinett kollu hass illi din il-persuna ittraditkom. Jigifieri jiena almenu public knowledge illi fil-Kabinett ta' l-ahhar tas-sena meta mbaghad wasal dak li wasal, kien hemm xi hadd illi qal dak ittradikom. Issa l-kelma 'ittradikom" smajniha hawnhekk ukoll f'diversi kuntesti minn diversi xhieda anke mhux fil-konfront tas-Sur Schembri biss. Imma din il-kelma ta' 'tradiekom' tapplika ghas-Sur Schembri u ghal ohrajn, inti xi thoss? Kif zviluppaw l-affarijiet. Ghax dina mhix cirkostanza normali din. Din affarijiet illi trid daqsxejn tapprofondixxi biex tifhem. Jigifieri kif tifhem illi jkun din l-idea illi gie tradut il-gvern; meta jkun suppost kulhadd attent biex ma jigix tradut.

***Ix-Xhud :***
Jiena kull oggett illi jsir li ma jsirx fl-interess tal-gvern ghalija huwa inaccettabbli. Kull ma jirrizulta, u ghalehkk jien ghedt iktar qabel, jekk ikun hemm provi konkreti illi persuna agixxa hazin halli jittiehdu l-passi kontrih. Jista' ikun l-ikbar habib tieghi!

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ippermettili, ahna qeghdin f' pozizzjoni impossibbli ta; jigifieri ghandna Ministru jghidilna hawn zewg gvernijiet; Ministru iehor jghidilna hawn ligi ghall-annimali, ohra ghal mhux annimali..! I mean, din is-sitwazzjoni ma

tezistix f’ cirkostanzi normali. Jigifieri hemm xi haga li mhix normali fiha dik, u din qed tinkwetana ahna.

***Ix-Xhud :***
Jien qieghed hawnhekk biex nghid dak li naf, nghid il-verita` u taht gurament. Dak li naf qieghed nghidu. Dak li jaf haddiehor jghidu haddiehor

***Imhallef A Lofaro :***
Kif effettivament ghamlu.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Dr Comodini Cachia ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk nista’ niccara xi affarijiet. Ha nibda dwar l-involviment tieghek fl-investigazzjoni ta’ l-omicidju ta’ Daphne Caruana Galizia. Inti ghedt illi kont involut anke permezz ta’ komunikazzjonijiet b’ email mac-centru forensiku Olandiz

***Ix-Xhud :***
Le ma ghedx hekk.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti ghedt li kont involut u qrajtilna email li inti bghatt lill-Ministru Olandiz u ghedtilna li tlabtu jaghti l-approvazzjoni tieghu, le?

***Imhallef A Lofaro :***
Il-Ministru Olandiz ta’ l-Intern.

***Ix-Xhud :***
Mela halli.. jekk ma jimpurtax. Jiena bghatt SMS u mhux email. Jiena ma kellix kuntatt mac-centru forensiku. Jien kelli kuntatt mill-Pulizija li talbuni ghajnuna biex jiena niffacilita l-ministerial clearance Olandiz lil forensic Insitute.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ok. Mela inti bghatt SMS fis-sitta u disgha u erbghin minuta ta’ filghaxija lil dan il-Ministru

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U dak fil-konfront tac-centru forensiku Olandiz.

***Ix-Xhud :***
Ghal ministerial clearance

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. Fir-rigward ta' l-involviment ta' l-FBI inti kont involut b' xi mod iffacilitajt dan l-involviment?

***Ix-Xhud :***
Ma kellix ghalfejn ghax meta ikkomunikaw maghhom il-Pulizija kellhom clearance.

***Imhallef A Lofaro :***
Diga` kellhom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U dik il-clearance taf minn fejn kienet ittiehdet? Il-Pulizija Maltija

***Ix-Xhud :***
La ma kontx involut ma nkunx naf.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-Pulizija Maltija biex jinvolvu lill-FBI talbu l-clearance tieghek jew inghataw clearance minn ghand xi hadd iehor?

***Ix-Xhud :***
Ma kienx hemm ghalfejn jitolbu clearance minn Ghandi. Minn fejn giet setghet giet minn sors lokali jew inkella sors Amerikan. Li nista' nghid huwa li hemm relezzjoni tajba hafna bejn il-Pulizija Maltija u l-FBI, u kif ukoll Servizz tas-Sigurat Malti ma' Servizzi ta'Sigurta` Internazjonali.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri awtorizzazzjoini bhal din setghet issir direttament minghajr … tal-Ministru; in the normal course of..

***Ix-Xhud :***
Sakemm l-FBI ma jitolbux clearance ministerjali, persidenzjali, hi x' inhi, biex ikunu jistghu jagixxu bhal ma gara fil-kaz tal-forensic institute ma ghandix ghalfejn nidhol jiena. Hemmhekk il-Pulizija tista' tkompli tagixxi

***Imhallef J Said Pullicino :***
Agixxiet il-Pulizija, hasset il-bzonn u ghamlitha ….

***Ix-Xhud :***
Setghu kellmu l-Ambaxxata, setghu kellmu lill-Prim Ministru, setghu kellmu lil kulhadd, jien….

***Imhallef A Lofaro :***
Pero` mhux lilek.

***Ix-Xhud :***
.. ma gejtx mitlub.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ma tafx jekk kellmux lill-Prim Ministru

***Ix-Xhud :***
Ma nafx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena fhimt sew illi fir-rigward ta’ dan l-assassinju inti kellek xi briefings imma kienu ma’ persuna wahda?

***Ix-Xhud :***
Kelli briefings mas-sigurta`, mas-Servizz tas-Sigurta`. In my role ta’ Ministru li ridt naghmel certu… biex nagixxi biex naghti certu awtorizzazzjonijiet.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U dawn il-briefings mal-membru tas-sigurta` meta bdew jinghataw lilek?

***Ix-Xhud :***
Ezatt wara.

***Imhallef A Lofaro :***
Wara l-assassinju.

***Ix-Xhud :***
Wara l-assassinju

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U baqghu ghaddejjin sakemm inti domt Ministru tal-Home Affairs?

***Ix-Xhud :***
Baqghu ghaddejin sa l-ahhar gurnata ta’ li jien kont Ministru.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U ghal dawn il-laqghat, apparti inti u l-membri tas-Servizzi tas-Sigurta` min izjed kien ikun prezenti?

***Ix-Xhud :***
Hadd. Kont ninsisti anzi li hadd

***Imhallef A Lofaro :***
Li tkun wahdek; wahdek..

***Ix-Xhud :***
Mhux biss ma’ dak li huwa relatat mal-assassinju imma ma’ kull kaz ta’ informazzjoni tas-Servizzi tas-Sigurta`; kollha kemm huma.

***Imhallef A Lofaro :***
Wahdek

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti kont konxju illi r-rapprezentanti tas-Servizzi tas-Sigurta` kienu wkoll qed jaghtu briefings lill-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kont konxju illi rapprezentanti jew ufficjali tal-Pulizija kienu qed jaghtu briefings lill-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Le, imma assumejt li kienu ghaddejjin; ghax il-Prim Ministru kien konxju ta’ l-investigazzjonijiet ..

***Imhallef A Lofaro :***
Kien ikun jaf x’ qed jigri.

***Ix-Xhud :***
….l-investigazzjonijiet a certu rizultat… affarijiet li qed jirrizultaw minn l-investigazzjoni; imma qed nassumi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta tghid 'assumejt li kienu ghaddejjin'..

***Ix-Xhud :***
Ghax qatt ma kont prezenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma assumejt 'il ghaliex il-Prim Ministru kien ikollu informazzjoni li mhux inti tajthielu?

***Ix-Xhud :***
Le assolutament. Jiena fil-fatt mal-Prim Ministru ftit li xejn kont nitkellem fuq il-kaz. Li naf huwa illi seta' kien qed jigi briefed fuq certu informazzjoni ghax meta jiena nkun assenti minn Malta u hamest ijiem wara l-kaz tal-qtil tas-sinjura Caruana Galizia jiena ghamilt operazjoni; u waqt li kont taht il-lopium ovvjament certu…, wiehed irid jagixxi mghaggel bhal ma l-gudikatura…

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux hekk? Ikun hemm xi hadd ..

***Ix-Xhud :***
..ikkummentat li wiehed irid jagixxi b' mod mghaggel; u allura waqt li kont taht il-lopju kien hemm ukoll ghand il-Prim Ministru certu affarijiet li kienu jaqghu taht ir-responsabbilta` tieghi.

***Imhallef A Lofaro :***
Ha over hu.

***Ix-Xhud :***
Meta kont imsiefer l-ewwel persuna li jaqa' fir-responsabbilta` tas-Servizzi tas-Sigurta` huwa l-Prim Ministru warajja. Imbaghad ghandek seniority illi wiehed jista' jawtorizza certu awtorizzazzjoni lis-Servizzi tas-Sigurta` wara warajja, u warajja l-Prim Ministru.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jekk qed nifhem tajjeb allura dan l-involviment tal-Prim Ministru kien sporatiku, mhux xi haga kontinwa all along din; isegwi x' qed jigri.

***Ix-Xhud :***
Bazikament nahseb li dik hija mistoqsija li trid issaqsi lill-Prim Ministru informazzjoni;

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ehe fair enough ovvjament; imma jigifieri peress li inti ghedt inti qed tassumi hekk .

***Ix-Xhud :***
Jien ma kontx fl-ufficcju tieghu.

***Imhallef J Said Pullicino :***
…ghaliex ikun jaf informazzjoni ..

***Ix-Xhud :***
Kien ikun jaf informazzjoni..

***Imhallef J Said Pullicino :***
…imma dan ghal dak il-perjodu biss jew anke wara? Wara li kont f' pozizzjoni li qed tahdem inti? Dik id-domanda kienet.

***Ix-Xhud :***
Meta kien ikun jaf hu ma kontx inkun naf jien ghax ma kontx prezenti jekk ghaddewlu certa informazzjoni. Jekk kienx jafha qabel, waqt, jew wara, jien ma kontx inkun fl-ufficcju tieghu meta kienet tghaddi dik l-informazzjoni

***Imhallef A Lofaro :***
Le imma d-domanda kienet - hu kien ikun infurmat, jien jaf; kien ikun jaf.

***Ix-Xhud :***
Nahseb li kellu interess illi jara illi l-kaz jinghalaq.

***Imhallef A Lofaro :***
U kien jaf, kien ikun infurmat

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-domanda taf x' inhi? Ghax qed naslu jekk il-Prim Ministru hass il-hiega…tieghu tajbin, illi isegwi x' qed jigri hu, u nahseb li kellu interess li l-kaz jinghalaq malajr. Inti bhala Ministru ta' l-Intern mhux suppost kellek ikar interess minnu illi…

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Heq! I mean ..

***Ix-Xhud :***
U kont qieghed niffolowja ghax kont ...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Kont qed issegwi d-dettalji l-Prim Ministru

***Ix-Xhud :***
Jiena d-dettalji bhal ma ghedt; kont qed niffolowjahom mhux min-naha tal-Korp tal-Pulizija. Jekk il-Korp tal-Pulizija kellmuni tghoddhom fuq is-swaba ta' id wahda, fuq il-kaz partikolari. Li nista' nghid huwa li minn informazzjoni li kont qed nigbor fir-role tieghi li kelli kelli briefing ta' certu affarijiet ghax biex nagixxi jkun hemm informazzjoni li jiena rrid niddecidi jekk nawtorizzax jew le.

***Imhallef A Lofaro :***
Skont il-ligi; mhux hekk? Tohrog mil-ligi dik.

***Ix-Xhud :***
Issa jekk jiena ma ninghatax id-dettalji kollha u f' dak il-kaz insaqsi halli nkun nista' inkun cert ghalfejn qieghed niffirma, jiena jekk niffrma xi haga bl-addocc fl-ahhar minn l-ahhar hemm il-Kummissarju li huwa overside body fuq is-Servizzi tas-Sigurta` illi fl-ahhar minn l-ahhar jiena nigi liable ghal dik il-firma li nkun iffirmajt

***Imhallef A Lofaro :***
Trid toqghod attent hafna; mhux hekk? Qabel ma tiffirma.

***Ix-Xhud :***
Allura rrid inkun naf sa liema livell allura minn hemmhekk iva il-briefing kont ingibu qabel niffirma certu awtorizzazzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena fhimtek tghid li flimkien mal-Pulizija kellek ftit briefings tghoddhom fuq idejk. Dawk il-briefings mal-Pulizija ma' min kienu?

***Ix-Xhud :***
L-iktar mal-Kummissarju

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U…? L-iktar mal-Kummissarju Cutajar, u ma' min izjed?

***Ix-Xhud :***
Mal-Kummissarju.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Biss?

***Ix-Xhud :***
..
***Imhallef A Lofaro :***
Mal-ispettur ..

***Ix-Xhud :***
No L-Ispettur Arnaud...

***Imhallef A Lofaro :***
Silvio Valletta le?

***Ix-Xhud :***
Silvio Valletta le. Ma l-Ispettur Arnaud u ma' l-Ispettur Kurt Farrugia ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kurt Zahra.

***Ix-Xhud :***
…l-ewwel konoxxenza taghhom biex nghid hekk!, kienet fil-qtil ta' persuna gewwa Hal Far fejn hemmhekk inghatajt brief zghir safejn kienu waslu l-investigazzjonijiet u li kienu ser jghalqu l-kaz.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jidher car minn informazzjoni anke minn xhieda li inghatat quddiem dan il-Bord illi fl-ufficcju tal-Prim Ministru kienu jsiru diveri briefings fuq l-investigazzjonijiet ta' dan l-assassinju. Briefings illi kienu jsiru lill-Prim Ministru Muscat li ghalihom kien jattendi wkoll Keith Schembri. Meta sirt taf b' dik l-informazzjoni inti staqsejt ghalfejn inti bhala Ministru ma kontx tkun involut f' dawk il-briefings?

***Ix-Xhud :***
Le, u ma kellix ghalfejn ghax jiena l-informazzjoni kont ingibha minn sorsi differenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti xi hadd ikkonfermalek illi kienet qed tinghata l-istess informazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx x' informazzjoni kienet qed tinghata; u lanqas qatt ma kont prezenti, u la ma kontx prezenti ma nafx sa liema stadju dik l-informazzjoni li kienet qed tinghata inghatat lill-Prim Ministru jew xi persuni ohra.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Staqsejt lill-Kummissarju Cutajar jew lil rapprezentanti tas-Servizz ghalfejn kienu qed isiru dawk il-briefings?

***Ix-Xhud :***
Ma kellix ghalfejn insaqsi. Il-Prim Ministru bhala Prim Ministru per se ghandu fl-ahhar minn l-ahhar ir-responsabbilta` overall tal-Ministri kollha, u allura jekk kien qed jitlob certi briefings dik kienet parti mir-responsabbilta` tieghu. Ir-responsabbilta` tieghi jien kont qed nerfaghha u kont qieghed naghmilha.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti kont infurmat illi kienu sejrin jigu arrestati l-ahwa Degiorgio flimkien ma' suspettati ohra fl-4 ta' Dicembru 2017?

***Ix-Xhud :***
L-ewwel haga ...

***Avukat :***
Nahseb din il-kwistjoni tincidi naqra fuq ...

***Imhallef A Lofaro :***
Tincidi fuq..?

***Avukat :***
Risposta ghaliha ser tkun qed.. ikun qed jesponi lilu nnifsu fuq informazzjoni li giet akkwizita tramite s-Servizzi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Diga` inghatat ta' din l-informazzjoni; jigifieri

***Avukat :***
Ghad-domanda; Fuq din id-domanda partikolari ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jekk jghid iva jew le..; imbaghad wara jekk irrid izid izid wara. Imma iva jew le.

***Imhallef A Lofaro :***
Minghajr dettalji.

***Ix-Xhud :***
Lest li naghmilha in camera biss.

***Imhallef A Lofaro :***
X’ ghedtli please?

***Ix-Xhud :***
Lest li naghmilha in camera

***Imhallef A Lofaro :***
Jixtieq li jaghmilha in camera biss.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux problema

***Imhallef A Lofaro :***
All right.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ir-relazzjoni tieghek mas-Servizzi, inti normalment tigi mitluba l-approvazzjoni tieghek sabiex jintuzaw mezzi teknici fl-investigazzjonijiet taghhom?

***Ix-Xhud :***
Tohrog mil-ligi

***Imhallef A Lofaro :***
Tohrog mil-ligi din ehe.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kien hemm drabi meta ma ttehditx l-approvazzjoni tieghek imma ttiehdet l-approvazzjoni tal-Prim Ministru minflok?

***Ix-Xhud :***
Meta jiena kont inkun imsiefer, jew bhal ma diga` ghedt, kont taht il-lopju, allavolja kont lokalment, fejn allura r-responsabbilta` taqa’ kompletament fuqi. Imma kont indispost ghal dak il-hin. It-tieni persuna wara l-Ministru ghall-Intern skont il-ligi illi huwa responsabbli huwa l-Prim Ministru. Fl-assenza tal-Prim Ministru huwa d-Deputy Prim Minister, u mbaghad taqa’ skont is-seniority li kien hemm

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura meta inti kont indispost taf jekk intalbux l-approvazzjoni ghahom? Jekk intalbitx l-approvazzjoni tal-Prim Ministru? Meta inti kont indispost. Inti qed tghidilna illi taf li meta inti kont indispost kienu jigu brijfjati l-Prim Ministru u kienet taqa' fuqhom ir-responsabbilta`.

***Ix-Xhud :***
U kien hemm kazijiet fejn kont nigi brijfjat u kien hemm kazijiet li le. U r-raguni kienet tkun li anke ghal certu kazijiet li mhux bilfors relatati ma' dan il-kaz, kienu jcempluli, jinfurmawni u mbaghad kienu jghiduli lil min ghandhom imorru jkellmu. U kienet parti importanti ghax jekk ikun hemm diversi kazijiet li kien ikun hemm illi jekk nitlef parti mill-katina ma nkunx nista' niffolowja mbaghad darb' ohra meta jergghu jigu s-sekwenza ta' l-affarijiet.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri iva kont tkun taf li intalbet approvazjoni mill-Prim Ministru u mhux minn ghandek.

***Ix-Xhud :***
Iva. U mill-Ministri l-ohrajn anke sussegwenti jekk il-Prim Ministru jkun imsiefer ukoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Min izjed intalab bhala Ministri ohrajn ghal din l-approvazzjoni?

***Ix-Xhud :***
Gie li kien hemm kazijiet fejn kien id-Deputy Prim Minister, u mbaghad skont min ikun ...

***Dr Therese Comodini Cachia :***
.. is-seniority ..

***Ix-Xhud :***
...imsiefer

***Imhallef A Lofaro :***
Is-seniority.

***Ix-Xhud :***
Jekk skont is-seniority in-nies ta' fuqi jkunu imsiefrin dejjem taqa' skont is-seniority

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta tghidilna kien hemm drabi meta kien id-Deputy Prim Minister liema Deputy Minister?

***Ix-Xhud :***
Wara l-Prim Ministru kien jaqa' d-Deputy Prim Minister Parliamentary Affairs.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri?

***Ix-Xhud :***
Chris Fearne.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Gejt mistoqsi dwar jekk kontx taf dwar il-hbiberija bejn Keith Schembri u Konrad Mizzi, u ghedtilna li kont taf li kien hemm din il-hbiberija imma ma kontx taf sa fejn tasal. Hbiberija bejn Joseph Muscat u Keith Schembri kont taf dwarha? Tista' tghidilna r-relazzjoni taghhom x' kienet?

***Ix-Xhud :***
Nahseb illi zewgt itfal illi minn eta` zghira dejjem kienu flimkien l-iskola u kibru flimkien nahseb illi tispjega hafna. Nahseb jekk inti ghandek hbieb li dejjem kienu l-iskola mieghek sal-lum nahseb.. u dejejm tiltaqghu u dejjem flimkien nahseb li dik il-hbiberija tista' tispjegaha inti wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dwar il-hbiberija ta' bejn Yorgen Fenech, Joseph Muscat u Keith Schembri inti kont aware minnha din?

***Ix-Xhud :***
Le. Imma anke kieku kont naf dik il-hbiberija safejn kienet twassal ma nkunx naf; huma jistghu jghidulek. Jien li nista' nghid jien sa fejn kienet tasal il-hbiberja tieghi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Gejt mistoqsi qabel dwar... jew semmejta inti jidhirli, li kien hemm dan ir-reward ta' miljun ewro, u ghedt illi l-ideat tar-reward.. minhiex certa jekk ghedthiex, tista' tispjegalna l-idea l-hsieb li jkun hemm dan ir-reward min fejn gie u kif wasaltu ghaliha?

***Imhallef A Lofaro :***
Le ma qalhiex.

***Ix-Xhud :***
Mill-Prim Ministru

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti kont inkluz fid-diskussjonijiet ghal dan ir-reward jew le?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri ma tafx jekk kienx involut wkoll Keith Schembri f'dawn id-diskussjonijiet.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Gejt mistoqsi dwar jekk kienx hemm dak li hawnhekk gie msejjah "Kitchen Cabinet". F' dan ir-rigward nista' nitolbok tispjega meta kont qed titkellem dwar il-progetti li jigu diskussi fil-Kabinett inti ghedt kienet isirilkom prezentazzjoni. U allura diskussjoni dwar id-dettalji tal-progett kienet issir fil-Kabinett? Il-Kabinett kien jitlob biex jara per ezempju li ha ssir concession, per ezempju ser issir il-concession ta' l-isptarijiet x' kienu d-dettalji ta' din il-concession?

***Ix-Xhud :***
Id-dettalji u l-kuntratti ma kienux jitilghu Kabinett.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-Kabinett allura x kien japprova?

***Ix-Xhud :***
Il-kuncett u l-principju.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-Kabinett kien japprova l-kuncett u l-principju; imbaghad minn hemmhekk min iwettaq kollox?

***Ix-Xhud :***
Hija r-responsabbilta` tal-Ministru responsabbli.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri intom fil-bidu tibdew.., l-idea li.. il-Kabinett qabel ma jigi attwat. Jigifieri mhux jigi lest il-progett.

***Ix-Xhud :***
Jiena jkolli diversi progetti illi fil-fatt inkun qieghed naghmel il-preliminarju taghhom. L-ewwel haga li rrid nara hemmx bzonnhom jew le. Jista' ikun hemm kwistjoni ta' policies. Fejn allura rrid nirreferi lejn Ministru iehor jekk skont il-policies ezistenti jekk jistax isir jew le. Jekk hemm policies li ma humiex ezistenti rrid nara li dawk il-policies nimxi 'l quddiem. Li zgur ma naghmilx ghallinqas jien li jkolli ligi ambjentali nibdilha biex naghmel progett illi jnigges l-arja.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri jekk qed nifhem tajjeb, fil-kaz tal-Vitals allura gie xi hadd qalilhom ahna ghandna dan il-progett intom tapprovawh, il-linja generali tieghu, taqblu li jsir hekk? Dak kienet id-decizjoni tal-Kabinett; li jaqblu hekk.

***Ix-Xhud :***
Sa fejn naf jiena, sa fejn naf jien fil-kaz ta l-isptarijiet ma kienx hemm kuntatt ma' kumpanija, imma kien hemm sejha biex il-kumpaniji jersqu 'l quddiem.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva hekk hu. Imma dik is-sejha tkun giet approvata mill-Kabinett; li issir is-sejha.

***Ix-Xhud :***
Is-sejha.. l-principju.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-principju, ghalhekk. Imbaghad minn hemm 'il quddiem...

***Ix-Xhud :***
Jekk inti ma temminx fil-principju ma tistax taghmel …

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghalhekk. Imbaghad minn hemm 'il quddiem il-punt huwa dan ta', ghalhekk l-Avukatessa qed tistaqsi d-domanda; fil-Kabinett, jekk tigi biex tara min kien ser jinvesti jekk hux tajjeb jew hazin dak ma jidholx fih. Daka l-Ministeru u daqshekk, qed tifhem? Il-makkanika taghha....

***Ix-Xhud :***
Dak imbaghad inti ghandek… imbaghad ghandek l-istruttura ta' finanzi etc., illi hemmhekk isiru d-diskussjonijiet ..

***Imhallef J Said Pullicino :***
Fejn suppost isiru

***Ix-Xhud :***
…. anke minn l-att finanzajru, Department of Contracts u l-istrutturi kollha. Il-gvern ghalhekk ghandu dawk l-istrutturi; biex mhux il-Ministru jaghmel l-investigazzjonijiet

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hekk hu.

***Ix-Xhud :***
Imma d-direttur tal-kuntratti, il-persuni li fl-ahhar minn l-ahhar iridu jaghtu t-timbru biex il-progett jista' jigi attwat.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Il-problema inti tabib, u l-kelma bypass taf x' inhi!

***Ix-Xhud :***
Le attwalment iktar milli bypass wahda qed nitkellem fuq arterja li mbaghad tiftah hafna arterji izghar minnha illi jekk dawk l-arterji jkunu maghluqin ghalxejn ikollok l-arterja l-kbira ghax il-progett ma jsirx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fil-Kabinett kontut tapprovaw l-idea, il-kuncett. Imbaghad ghedtilna kienu jigu imwettqa per ezempju mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Fil-verita`, il-progetti tal-Powerstation, ta' l-Electrogas u tal-Vitals kienu involuti id-Dipartiment tal-Kuntratti jew kienu biss jigu imwettqa mill-Ministru Konrad Mizzi?

***Ix-Xhud :***
Jiena ma kontx responsabbli mill-process kollu ta' fejn jidhol l-Electrogas. Jien li nista' nghid huwa illi kien hemm sejha; kien hemm short listing bi kritika kollha li ghamel l-NAO, imma dik hija l-investigazzjoni li kien jaghmel, hija l-opinjoni tieghu; ta min seta' gie short listed iktar minn dawk li gew short listed. Eventwalment kien hemm RFP illi ghaliha mbaghad dahlu zewg consortia. Minn zewg consortia wiehed wasal ghal konkluzjoni, u jekk minhiex sejjer zball l-NAO stess johorg illi probabbilment kien jasal ghall-istess konkluzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Din l-informazzjoni li ghadek kif taghti gibtha minn xi diskussjoni fil-Kabinett?

***Ix-Xhud :***
Le, gibtha mir-rapport ta' l-NAO.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri la darba intom fil-Kabinett tapprovaw il-kuncett, imbaghad qatt ma tergghu tinghataw jew titolbu biex tinghataw update?

***Ix-Xhud :***
L-update li kien ikun hemm bzonn illi kienu jinghataw kienu jinghataw; ovvjament kaz bhal dan kien wiehed pubbliku. Ma niftakarx, ma niftakarx ha inkun onest mieghek, u onestament qieghed nghid 'ma niftakarx', jekk kienx thabbar fil-Kabinett qabel saret pubblika.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Nergghu nigu ghall-iskop ta' din l-Inkjesta. Mela ahna ghandna sitwazzjoni s' issa donnu assodata, li dan is-suppost 'Kitchen Cabinet' li ivvintat hawn, imma kull gvern ikollu 'Kitchen Cabinet' ta! U dan kien jinkludi teknici u kien jinkludi specjalisti u avukati, qed tifhem?, u jaghmlu kollox huma. Il-problema taghna hi illi l-accountability u trasparenza l-Kabinett ma jikkontrallahomx, ghaliex ikun hemm fil-principju u jaghmlu huma. Jekk dawna ma jzommux mar-regoli u jkollhom minn fejn jghaddu mhux mar-regoli, kuntratti u mhux kuntratti, allura ma ghandniex la trasaparenza u lanqas kontabilita`, u nispicca f' sitwazzjoni fejn illum spiccajna diversi minnhom dawn. And this is what is missing apparently! U dan huwa l-hmira tal-korruzzjoni nghidulha ahna, alla right? Il-hmira.

***Ix-Xhud :***
Id-dettalji, ha nerga' nirrepeti, id-dettalji li kienu jinghataw kienu superficial relatati mal-kaz partikolari mal-progett partikolari

***Imhallef J Said Pullicino :***
Qbilna, agree.

***Ix-Xhud :***
Il-kuntratt innifsu ma ghandu hadd jippretendi illi l-Kabinett jinghata xi kuntratt b' ma nafx b' kemm-il pagna biex jivverifika jekk fih hemm xi haga li ma hijiex kompletament ezatta. U ghalhekk inti ghandek il-Ministru responsabbli li fl-ahhar minn l-ahhar jerfa' r-responsabbilta` politika u kriminali jekk ikun hemm ghalfejn. Ghandek il-Permanent Secretary; ghandek

l-istrutturi tal-Ministeri; ghandek l-istrutturi fi hdan il-gvern in generali illi jidhlu u jiflu dawk il-kuntratti skont meta jkun hemm il-bzonn.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dr Farrugia, inti servejt bhala Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar, u dan fis-sena 2013 u fis-sena 2014

***Ix-Xhud :***
Fil-bidu tal- 2014

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Iva. Bhala Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar, inti kont parti minn l-Ufficcju tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Kont naqa' taht il-Prim Ministru.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-ufficcju tieghek kien ukoll fl-ufficcju tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Iva, kien taht Kastilja; kien taht l-Ufficcju tal-Prim Ministru f' segretarjat differenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
L-interaction tieghek bhala Segretarju Parlamentari fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mal-Prim Ministru x' kienet tkun? Jigifieri bahla Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar fl-ufficcju tighu inti kont tiddiskuti xoghlok mieghu jew kont taghmel xoghlok irrespettivament minn kwalunkwe diskussjoni mal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Kelli go-ahead firma tal-Prim Ministru li fejn jidhol id-Dipartiment ta' l-Artijiet stajt nagixxi u niffirma. Fejn jidhol l-Ippjanar hemmhekk hemm l-istrutturi tal-Planning Authority illi jmexxu huma.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Per ezempju n-nota ta' istruzzjonijiet li inti tajt fuq il-high-rise ta' l-Imriehel dika giet approvata mill-Prim Ministru qabel ma bghattha?

***Ix-Xhud :***
Kont iddiskutejtha ma' diversi strata kemm fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u anke min-naha tal-Planning dwar il-bzonn illi meta jkun hemm il-floor area

ratio jkun hemm it-toroq mad-dawra tal-progetti u b’ hekk il-progett illi issemma tilef elf erba’..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha nerga’ naghmillek id-domanda specifika ..

***Ix-Xhud :***
Tini cans nirrispondi ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax qed tirrispondi ezattament dak li diga` ghedtilna qabel, u jien qed naghmel biss kjarifiki fuq dak li diga` ghedtilna qabel. Mela, inti issa ghedtilna li ddiskutejt mad-diversi strata ta’ l-ufficcju tal-Prim Ministru; u d-domanda tieghi kienet iffokata biss fuq l-istruzzjonijiet biex l-Imriehel jidhol fil-high-rise policy. Li l-Imriehel jidhol fil-High-Rise Policy, inti iddiskutejtha ma’ diversi strata fl-Ufficcju tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Kien hemm il-public consultation li l-informazzjoni kienet harget mill-public consultation u anke ingibditli l-attenzjoni min-naha tal-Planning illi l-Imriehel bi zball kien thalla barra minhabba decizjoni ta’ qabel 2013 illi l-Imriehel isir Corporate Village illi eventwalment huwa Employment Hub; u allura kien sar zball li l-Imriehel thalla barra u mhux imdahhal.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dan l-izball li init ridt tikkoregi kont iddiskutejtu mal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Ukoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U x’ kienet l-indikazzjoni tal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Li bhala Employment Hub u bhala Corporate Village fehem illi ma setax jithalla barra u jitnehha mill-policies li kien hemmhekk qabel. Ftakar, illi l-Imriehel…ha nerga’ nirrepeti jekk ma jimpurtax ..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghalija le

***Ix-Xhud :***
Mela tini cans nirrispondi. Wahda minn l-affarijiet importanti, Malta u Ghawdex kollha seta' isir il-floor area ratio; Malta u Ghawdex kollu nkluz l-Imriehel. B' decizjoni illi kien hemm inbidlet il-policy ta' l-Imriehel biex ma tibqax tghodd il-floor area ratio u minflok tapplika l-policy li kienet tghodd ghal Malta u Ghawdex kollu, ghal xi raguni hamsa u ghoxrin elf square meters setghu jinbnew sa gholi ta' erbghin (40) metru li tfisser madwar 13-il sular. Abbazi ta' dik id-decizjoni dak inhar l-Imriehel inbidel minn Industrial area ghal Corporate Village bhala Employment Hub, u ghalhekk kienet saret dik il-bidla. Ghax il-Malta Enterprise flimkien ma' entitajiet ohrajn privati inghaqdu flimkien.. issa for whatever reason, biex jaghmlu ufficini gewwa l-Imriehel, u ghalhekk kienet inbidlet. Bid-decizjoni illi hadna allura kienet tfisser illi dik id-decizjoni li kien hemm spicat u dahlet il-floor area ratio li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-bidla fil-local plan li saret fl-2013 minn Gvern Nazzjonalista.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ghedt haga l-ewwel illi kwistjoni tal-lands inti kellek carte blanch tiffirma u timxi..

***Ix-Xhud :***
Iva..

***Imhallef A Lofaro :***
Iva.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Iva hux hekk? Allura f' tal-Cafe` Premier inti hekk ghamilt?

***Ix-Xhud :***
Ma kontx involut

***Imhallef A Lofaro :***
Allura min kien involut?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma dik kienet taqa' tahtek, le?

***Ix-Xhud :***
Ma kontx involut

***Imhallef A Lofaro :***
Mela min kien involut?

***Ix-Xhud :***
Mhux jien.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma suppost kont bhala Ministru hux?

***Ix-Xhud :***
Ma kontx involut u ma kontx informat.

***Imhallef J Said Pullicino :***
U taf min kien involut allura?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx.

***Imhallef A Lofaro :***
Ma jafx.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Gaffarena?

***Ix-Xhud :***
Dik wara zmieni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik wara zmienek, all right.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta tghid 'ma kontx involut' u 'ma nafx', kellek tkun involut? Kienet taqa' taht ir-responsabbilta` tieghek?

***Ix-Xhud :***
Ma kontx naf, ma kontx involut

***Imhallef A Lofaro :***
U ma staqsejtx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma kienet taqa' taht ir-responsabbilta` tieghek?

***Ix-Xhud :***
Jiena bhala Segretarju Parlamentari ultimately wkoll kont naqa' taht Ministru. Fl-istruttura ta' gerarkija l-Ministru wkoll jista' jagixxi.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri hadha l-Prim Ministru in other words id-decizjoni; mhux hekk?

***Ix-Xhud :***
Mhux qed nghid… , qed tghidu inti

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ma tistaqsix? Ma staqsejtx

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fittixt min hadha d-decizjoni?

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu. Ma staqsejtx?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ghax la kienet ir-responsabbilta` tieghek bhala Segretarju Parlamentari u d-decizjoni sirt taf minn ghand xi hadd li ittiehded, inti fittixt biex tara min hadha?

***Ix-Xhud :***
Li nista' nghid huwa illi d-decizjoni…., imma tini cans ha nirrispondi; id-decizjoni ma kontx involut, ma nafx min hadha. Li nista' nghid huwa illi legalment jidher illi d-decizjoni hija ibbazata fuq illegalita`. It-tieni, kien hemm ukoll importanza, importanza nazzjonali. Importanza nazzjonali li ma nistax nimmagina kif jista' jollok kcina, kif jista' jkollok tankijiet tal-gass taht il-Bibbjoteka Nazzjonali b' dak ir-rizors tant importanti li kien ta' perikolu. Li jitnehha dak biss ukoll kien ikun hemm awtorizzazzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***
That is not the issue.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nifhem allura li inti kont kuntent bl-awtorizzazzjoni

***Ix-Xhud :***
Dak kien dover;

***Imhallef J Said Pullicino :***
Sorry sorry. That is not the issue.

***Ix-Xhud :***
Dak kien dover.

***Imhallef J Said Pullicino :***
That is not the issue, the issue is ghaliex inti ma kontx informat u ghaliex xi haddiehor ha d-decizjoni...; again, nigu ghat-trasparanza u akkontabilita`. I mean ghax min wehel fiha din? Inti suppost tehel fiha.

***Imhallef A Lofaro :***
Qal li ma jafx.

***Ix-Xhud :***
Kien hemm l-investigazzjonijiet kollha, sa fejn naf jiena anke telghet public accounts committee etc., u li kellu johorg hareg ukoll mill-public accounts committee.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti servejt f' hafna Ministeri, kemm-il darba ttiehdu decizjonijiet li suppost kont responsabbli taghhom inti imma ma ttiehdux minnek? Din kienet xi prassi?

***Ix-Xhud :***
Semmili l-kazijiet u nghidlek jekk kontx naf bihom jew le.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Per ezempju dan il-kaz li ghandna kif semmejna, inti ghedt li d-decizjoni ma hadthiex inti; tidher illi ma fittixtx min hadha d-decizjoni, imma qbilt maghha.

***Ix-Xhud :***
Nahseb kienet taghmel sens u nahseb kien dover illi titnehha l-kcina minn hemm taht.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura jekk kien dover ma hassejtx li kellek tippartecipa fiha?

***Ix-Xhud :***
It-talba ma kinetx saret lili.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Staqsejt lill-Ministru tieghek ghalfejn ma involviekx fiha?

***Ix-Xhud :***
Ma kellix ghalfejn ghax kont naqbel mad-decizjoni li titnehha l-kcina u t-tankijiet tal-gassijiet minn hemm taht.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Imma inti meta sirt taf illi d-decizjoni ttiehdet specifikatament biex titnehha l-kcina u t-tankijiet tal-gass?

***Ix-Xhud :***
Fl-ahhar.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta fl-ahhar? Meta sar ir-rapport pubbliku?

***Ix-Xhud :***
Ezatt inkun qieghed nigdeb jekk nghidlek jekk hux ezatt qabel, jekk hux ezatt wara illi ttiehdet id-decizjoni. Li nista' nghid biss huwa illi kont naqbel mad-decizjoni illi titnehha l-kcina u t-tankijiet tal-gass minn taht il-Bibbjoteka

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Bhala persuna li kellek l-ufficcju wkoll fil-binja ta' Kastilja x' kienet ir-relazzjoni tieghek ma' Keith Schembri li wkoll kellu ufficcju f' Kastilja?

***Ix-Xhud :***
Bazikament kwazi ftit li xejn konna niltaqghu. Kienu drabi wahdiet, meta nahseb meta kont Ministru…. fis-sedretarjat ta' l-Ufficcju tal-Prim Ministru niddubita jekk kellniex xi diskussjoni fuq xi progetti partikolari. Niltaqghu fil-kuridur nitkellmu…! Nahseb anke jekk niltaqa' mieghek il-parlament nitkellem.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Fis-sena 2017 inti kont isservi bhala Ministru ghas-soledarjeta` socjali. F' Mejju ta' dik is-sena 2017 kien gie impjegat Melvin Theuma. Illum nafu li kien gie impjegat ghax irrangalu Keith Schembri. Fil-Ministeru tieghek inti kont tircievi istruzzjonijiet jew suggerimenti minn ghand Keith Schembri?

***Ix-Xhud :***
Jiena ha nibda minn ta' Melvin Theuma. Melvin Theuma la nafu, la qatt rajtu, la qatt kelli rakkomandazzjoni biex nimpjegah, u lanqas qatt impjegajtu jew ghamilt rakkomandazzjoni jiena biex jigi impejgat. Rigward is-Sur Schembri, bhal ma ghedt aktar qabel, il-maggior parti tal-kazi, anzi nista' nghid il-kazi kollha li jiena mort ghandu biex niddiskuti certu progetti forsi naraw kif nistghu nduru mal-pjan biex fil-fatt intejbuh, jew inkella niffacilitaw il-mod tas-self fejn specjalment fejn ghandu x' jaqsam il-porgett tal-Housing Socjali.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta sirt taf illi Melvin Theuma kien fil-fatt impjegat ma' kumpanija li taqa' taht il-Ministeru tieghek inti ghamilt verifiki?

***Ix-Xhud :***
Iva, u rrizultali li hu kien gie impjegat through il-Jobsplus.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
U meta tghidli li kien gie impjegat through il-Jobsplus, inti ivverifikat dan permezz ta' min?

***Ix-Xhud :***
Jekk minhiex sejjer zball kont staqsejt lil xi ufficjali.. imma tistaqsinix liema wiehed, fi hdan il-Ministeru. Ghax staqsejtu biex jivverifikali. Jiena provajt kemm jista' ikun ma nidholx mal-persuni li kienu qed jissemmew.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jidher li dan l-impjieg kien inbeda fl-ewwel ta' Mejju 2017 li hija l-istess gurnata li l-Prim Ministru Muscat kien habbar li ser issir elezzjoni. Inti kemm qabel l-ewwel ta' Mejju 2017 kont taf li ser tissejjah elezzjoni?

***Ix-Xhud :***
Fid-data.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri fl-ewwel ta' Mejju

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Imhallef A Lofaro :***
Fid-data li thabbret.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri inti nassumi li sirt taf allura min l-istqarrija li hareg il-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Iva. Hija prerogattiva wara kollox tal-Prim Ministru li jsejjah l-elezzjoni

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nassumi li din zgur ma kinetx diskussa fil-Kabinett, le?

***Ix-Xhud :***
Le.

***Avukat :***
Ma nahsibx li ghandha x' taqsam mal-..

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Wara din l-elezzjoni inti inhtart Ministeru responsabbli mill-Pulizija.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Dan id-dekasteru kont tlabtu inti jew urejt ix-xewqa inti?

***Ix-Xhud :***
Le. Sa fejn naf jiena hadd ma juri x-xewqa liema Ministeru jkun. Hija zewg prerogattivi li ghandu l-Prim Ministru huma tnejn.

***Imhallef A Lofaro :***
Tista' tghidlu x-xewqa imma

***Ix-Xhud :***
Nista' nghidlu ma naccettax. Il-prerogattiva hija tal-Prim Ministru illi jghidlek u joffrilek...; il-prerogattiva fl-ahhar minn l-ahhar hija tal-Prim Ministru rigward ir-responsabbilta` li jaghtik hu meta jsejjah l-elezzjoni.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Peress illi kellek ufficcju fil-binja ta' Kastilja, inti lil Neville Gafa` tafu?

***Ix-Xhud :***
Ftit. Nafu iktar billi joqghod San Pawl, jew kien joqghod San Pawl, u nafu bhala persuna bhalma naf diversi persuni ohrajn minn San Pawl.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri taf x' rwol kellu fil-gvern f' Kastilja?

***Ix-Xhud :***
Qatt ma staqsejt. Tkellimna, imma qatt ma dhalt ezatt fir-rwol tieghu personali. Bhal ma qatt ma dhalt f' diversi rwoli hlief f' dak li huma l-ufficjali gholja fl-Ufficcju tal-Prim Ministru; bhal PA tieghu ghax ovvjament ikolli diskursati mieghu fejn jidhlu appuntamenti jew inkella fejn jidhol is-Sur Schembri bhala chief of staff.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Meta kontu qed tiddiskutu.. anzi sarulek il-mistoqsijiet minn ghand l-Imhallfin relatati mal-Panama Papers u ma l-istrutturi ta' Keith Schembri u l-istrutturi ta' Konrad Mizzi inti ghedt illi minkejja illi kien hemm semplicement allegazzjonijiet xorta kienu saru one to one meetings bejn il-Prim Ministru l-membri tal-Kabinett. Fir-rigward tal-one to one meeting mieghek inti esprimejt illi dawn iz-zewg persuni ghandhom igorru r-responsabbilta` politika?

***Ix-Xhud :***

Iva espremejtha.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Minkejja li inti kont ta' l-opinjoni li huma ghandhom igorru ir-responsabbilta` politika, meta il-Prim Ministru ddecieda illi lil dawn iz-zewg min-nies izommhom, inti ergajt iddiskutejtha mal-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***

No. Fhimt id-decizjoni illi jerfghu parti.. jerfghu r-responsabbilta`. Apparti minn hekk fhimt ukoll illi taw spjegazzjoni, u l-Prim Ministru.., mhux qed naghmel xi haga li qed naqlaghha minn zniedi, imma li ghamel dikjarazzjoni illi jekk jirrizultalu 'l boghod minn dak illi lilu stqarrewlu hu kien lest li jiehu l-passi kontrihom.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Jigifieri inti accettajt illi minn responsabbilta` politika jkun hemm procedura ta' investigazzjoni? Procedura legali?

***Ix-Xhud :***

Il-procedura legali jaghmluha l-Pulizija mhux il-politici.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Bhala responsabbilta` politika fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni, minkejja li inti qed tghidilna, ghedt lill-Prim Ministru illi kellhom jerfghuha din ir-responsabbilta` politika, wara li l-Prim Ministru ddecieda li ma humiex ser jerfghuha r-responsabbilta` politika, inti ppartecipajt f' xi vot jew f' xi decizjoni tal-Kabinett li tajtuhom vot ta' fiducja?

***Ix-Xhud :***

Nahseb inti zbaljata meta ghedtli li ma refghux parti mir-responsabbilta` politika jew inkella ma ttehdux passi kontrihom, sahansitra...

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela tista' tispjega lil dan il-Bord x' responsabbilta` politika refghu?

***Ix-Xhud :***
Il-fatt illi l-Ministru Konrad Mizzi tnehha minn deputy leader, imgieghel jirrizenja. Tnehielu portafol, u thalla bhala Ministru bhala bla portafol kien qieghed jirrifletti dak li jiena ghedt aktar qabel illi kienet poltikament naïve d-decizjoni illi ha illi jiftah il-Panama Papers. Minn hemmhekk kien hemm ukoll id-dikjarazzjoni tal-Prim Ministru illi inghata spjegazzjoni min-naha taghhom u illi jekk jirrizultalu eventwalment illi ma tawhx il-verita` li kien ser jiehu l-passi.

***Imhallef A Lofaro :***
Imma s-Sur Schembri x' refa'?

***Imhallef J Said Pullicino :***
U fil-konfront tas-Sur Schembri x' gara? Ghaliex is-Sur Schembri ghalina, ghal layman barra mit-triq huwa l-kingpin ta' l-amministrazzjoni. Jigifieri dan hawn min jghid li jikkontrolla kollox; mhux ser nidhjol fiha dik, imma...

***Imhallef A Lofaro :***
Hemmhekk baqa'.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Issa fil-konfront tieghu x' passi ittiehdu? Ghax thalla proprju fejn kien l-istess poteri; u allura b' ombra, b' ombra illi hu kien qed jaghmel affarijiet li almenu allegatament mhux korretti. Jigifieri kif thalliha persuna hekk fil-Kabinett? F' pozizzjoni ta' sahha kbira eh!

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ghax inti ghedtilna li refa' xi haga dan; x' refa'?

***Ix-Xhud :***
Nahseb li r-rwol tas-Sur Schembri anke in vista tal-business tieghu, bhal ma hemm diversi nies ammonti sostanzjali ta' nies illi huma involutu fil-business, fil-maggior parti taghhom ukoll wiehed isib illi ghandhom jew kellhom xi forma ta' offshore …

***Imhallef A Lofaro :***
Imma x' refa' bhala responsabbilta`?

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ma tpoggihomx CEO chief of staff, tajjeb?, mal-Prim Ministru ..

***Imhallef A Lofaro :***

Imma d-domanda hi li inti ghedtilna li refghu r-responsabbilta`politika. Is-Sur Keith Schembri tista' tghidilna x' refa' please? Ghax ahna… jew ahna injoranti! Baqa' fejn kien u kif kien dan!

***Ix-Xhud :***

Fil-kaz tieghu l-kwistjoni li l-fatt hu kien fil-business u anke l-fatt li hareg mill-business biex iservi bhala chief of staff…

***Imhallef A Lofaro :***

Imma dak kien qabel. Wara li ..

***Ix-Xhud :***

… ovvjament wiehed jista' ukoll jifhem certu decizjonijiet illi jkun ha

***Imhallef A Lofaro :***

U mela allura ma refa' xejn, hux veru?

***Ix-Xhud :***

Mhux bilfors.. mhux bilfors illi jkun jaqbel maghom

***Imhallef A Lofaro :***

Mela allura nigu li ma refa' xejn. Issa meta mmorru ghal Ministru Konrad Mizzi, naqblu li dan xorta wahda kellu responsabbiltajiet u ghamel hafna xoghol bhala Ministru minghajr portafol? L-isem kien Ministru minghajr portafol; pero` ghamel hafna xoghol dan.

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Mhux xorta kien responsabbli mill-progetti meta kien Ministru minghajr portofol?

***Imhallef A Lofaro :***

Hekk jirrizulta jigifieri. Kont ser inhallih iwegibha hu imma

***Dr Therese Comodini Cachia :***

Jirrizulalek lilek illi meta Konrad Mizzi kien Ministru minghajr portafol kien xorta responsabbli mill-progetti tal-gvern?

***Ix-Xhud :***

Bhala portafol kien jaghmel ix-xoghol li kien jitqabbad min-naha tal-Prim Ministru

***Imhallef A Lofaro :***
Mela kien jitqabbad xoghol? Kien jitqabbad xoghol importanti?

***Ix-Xhud :***
Kien jitqabbad xoghol.

***Imhallef A Lofaro :***
Importanti hux?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura inti hassejtek komdu b’ din? Din kienet irfiegh ta’ responsabbilta` politika ghalik?

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk hu; jew kien tibdil fl-isem biss?

***Ix-Xhud :***
Il-Ministru Mizzi bhala persuna illi aggixxi u bhala persuna li attwa, nahseb ta r-rizultati konkreti u pozittivi …

***Imhallef A Lofaro :***
U mhux hekk staqsejnik

***Ix-Xhud :***
Tini cans. Ghal gid ta’ pajjizna

***Imhallef A Lofaro :***
Ma staqsejniekx dik.

***Ix-Xhud :***
Jekk ghamel affarijiet ohrajn ‘il barra mir-responsabbilta` tieghu jirrispondi ghal dak li ghamel ‘il barra mir-responsabbilta` tieghu. Imma ma huwiex jiena..

***Imhallef A Lofaro :***
Imma ahna staqsejniek x’ kienet ir-responsabbilta` politka li refa’? Ghax bdilna l-isem?!

***Ix-Xhud :***
Le.

***Imhallef A Lofaro :***
Mela x’ refa?

***Ix-Xhud :***
Il-fatt illi inti kont deputy leader u tnehhejt min deputy leader nahseb dik diga` huwa....

***Imhallef A Lofaro :***
Mhux mal-ewwel eh dik grat lanqas!

***Ix-Xhud :***
Diga` huwa…; mill-ewwel itiehdu passi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri mhux tajjeb ghal partit imma tajjeb ghal pajjiz?

***Imhallef A Lofaro :***
Hekk tigi hux!

***Ix-Xhud :***
Nahseb il-Ministru Konrad Mizzi ta r-rizulatli hafna hafna iktar milli kien hemm diversi persuni taht gvernijiet differenti illi taw. Li biss-biss...

***Imhallef J Said Pullicino :***
Pero` Onoervoli

***Ix-Xhud :***
Li biss-biss wassal ..

***Imhallef A Lofaro :***
Dik mhix id-domanda li ghamilna.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Onorevoli, terfa' r-responsabbilta` politika ma jfissirx li tirrizenja mill-partit, jirrezenja mill-gvern, tajjeb? Hemmhekk terfa' r-responsabbilta` politika.

***Ix-Xhud :***
Tista' ukoll tiehu demotion

***Imhallef J Said Pullicino :***
Id-demotion ma jehodhiex fil-partit, irid jehodha fil-gvern ghax hu responsabbli lejn l-elettorat, mhux lejn il-…., tajjeb?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mhux lejn il-partit.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Haga tajba ..

***Ix-Xhud :***
Hija opinjoni tieghek

***Imhallef J Said Pullicino :***
Le le. Haga tajba li sar..

***Imhallef A Lofaro :***
Le mhix opinjoni ta.

***Imhallef J Said Pullicino :***
..haga tajba li ma baqax fejn kien fil-partit, imma ma jfissirx li huwa b' xi mod elimina ruhu mir-responsabbilta` politika! Altru! X' ghandu x' jaqsam?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha nerga' mmur ftit fuq meta kont Segretarju Parlamentari ghall-Ippjanar. Kienet waqt il-hatra tieghek illi Johann Buttigieg kien mahtur CEO tal-MEPA?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Il-hatra ghamiltha inti jew wettaqa' xi Ministru jew il-Prim Ministru?

***Ix-Xhud :***
Kien hemm sejha, applika u intaghzel hu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
X' kienet ir-relazzjoni tieghek ma' Johann Buttigieg?

***Ix-Xhud :***
Bhala persuna illi pradmatiku, li nista' nitkellem mieghu, u jista' minn l-esperjenza tieghu wkoll illi kellu li jaghtini pariri li kienu sostanzjali u pozittivi.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti l-ewwel ghedt illi l-istruzzjonijiet tal-MEPA dwar il-high rise fuq l-Imriehel inti tajthom wara illi kien hemm evaluation tal-policy tal-MEPA li kienet ukoll giet ippubblikata ghal konsultazzjoni pubblika; u f' intervisti

issemmi li kien hemm kumitat li kien mahtur biex jevalwa dan. Kien hemm dan il-kumitat?

***Ix-Xhud :***
Il-kumitat ukoll kien fi hdan il-Planning Authority illi ghamel evalwazzjoni tal-… ta pariri jew inkella suggerimenti min-naha tal-pubbliklu in generali qabel resaq lejja biex jipproponili kif ghandna nimxu ‘l quddiem.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri dan il-kumatat kien mahtur mill-MEPA mhux minnek

***Ix-Xhud :***
Kien mahtur mill-Planning.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mill-Planning. U taf min kienu l-membri?

***Ix-Xhud :***
Ma niftakarx.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jiena rajt xi tweets illi inti tkun ghamilt, u kien hemm drabi meta inti kont tirreferi ghal bloggers u fl-istess tweet kont taghid’ fake news’. Per ezempju tweet minnhom hija tal-25 ta’ April 2017 fejn qed tghid *expect much more from these lies in the coming weeks* . . . (dot dot dot), *fake news from the usual bloggers*. Hawnhekk inti ghedt ukoll illi meta hargu l-Panama Papers u gew ippubblikati fuq il-blog inti hadthom bhala semplicement allegazzjoni? Ir-reazzjoni tieghek ghal pubblikazzjonijiet ta’ Daphne Caruana Galizia kienet illi dawn kienu fake news?

***Ix-Xhud :***
Le. Jekk wiehed jara… jien nista’ nghid huwa bhala Michael Farrugia. Bhala Michael Farrugia kont nissemma. Hafna minn l-informazzjoni li kienet titla’ ma kienux veritiera; kien hemm cirkostanzi fejn jien ma stajtx nohrog niekol imkien li ma kontx nispicca bir-ritratti fuq il-blog. Kien hemm cirkostanzi fejn wara li hadt azzjoni bhala persuna responsabbli mill-Planning kontra l-kuntrattur wiehed mill-kbar gewwa pajjizna fejn morna biex inwaqqghu affarijiet li kienu illegali ssemma illi f’ dak il-hin at that moment in time jien kont qed niekol f’ post, u din grat ftit tal-perjodu wara. Li allura kienet tfisser illi anke s-sigurta` tieghi kienet ukoll qed titpogga f’ certu perikolu. Kien hemm ukoll il-kwistjoni illi jien nista’ nikkalkula fuq x’ kien qed jintqal fuqi u allura l-ewwel reazzjoni jista’ ikun illi tkun another one. Irrealizzajt illi le, ma kinetx; u bhal ma ghedt iktar qabel irrealizzjat ftit siegha wara illi dak li kien

qed jinghad kienet storja illi kienet mibnija fuq certu informazzjoni sostanzjali. Biex ma nsemmix ohrajn illi affarijiet ohra illi kienu jinkitbu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Mela Dr Farrugia inti illum Ministru responsabbli minn l-Energija hux hekk?

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Tista' tghidilna kif sirt taf bis-suspetti dwar il-kwistjoni tal-wind farm fil-Montenegro?

***Ix-Xhud :***
Meta harget l-informazzjoni; ricenti.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri? Inti sirt taf mill-gazetti bhalna jew.. ?

***Ix-Xhud :***
Ftit tax-xhur ilu, ftit tax-xhur ilu. U fil-fatt kif sirt naf biha jiena informajt mill-ewwel lill-Enemalta biex tikkopera mal-Pulizija illi tinformhom illi lesti li joffru d-dokumenti kollha illi hemm bzonn, li l-Pulizija tista' tmur l-Enemalta u tiehu kull informazzjoni li kien hemm. Bhal ma taf inti, ghax inti bhali kollega membru parlamentari, jiena poggejt id-dokumenti kollha fuq il-mejda tal-Kamra wkoll. U lest illi anke fil-kaz nghaddiha lil gudikatura bhala dokumenti kollha li huma pubblici u li poggejt fuq il-mejda tal-Kamra minghajr ma thassret kelma wahda.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti sirt taf b' dawn is-suspetti fuq dan il-progett bhal ma sirna nafu ahna mill-media…

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
... jew kellkom briefing fil-Kabinett?

***Ix-Xhud :***
Bhalma sirt taf inti mill-media sirt naf illi qam kwistjoni fejn ghandu x' jaqsam, il-wind farm. U sirt naf meta ssemmhiet b' relazzjoni mas-17 Black.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti f' intervista tghid illi bhala informazzjoni harget biss only 5 % of the whole story. Dan inti kif tafu?

***Ix-Xhud :***
Nafu ghax jiena tlabt lill-Enemalta brief fuq il-kwistjoni kollha relatata mal-mizura wind farm u illi fil-fatt jirrizultaw mid-dokumenti kollha illi jiena poggejt fuq il-mejda tal-Kamra.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Jigifieri llum in-95 % l-ohra qeghdin public knowledge …

***Ix-Xhud :***
Huma public knowledge

***Imhallef J Said Pullicino :***
…f' dak id-dokument

***Ix-Xhud :***
Iva. Issa ha naghmel klarifikazjzoni jekk ma jimpurtax. Jekk jirrizulta xi haga ohra li on the side jew kien hemm insider information, jew haga jew ohra, 'l boghod minn dawk id-dokumenti, jiena dik ma tirrizultalix, dik hemm l-investigazzjonijiet lokali u gewwa Montenegro fejn lokalment jien kont tajt l-awtorizzazzjoni lill-Pulizija lokalment jaghmlu l-investigazzjonijiet kollha; u perswaz illi l-Pulizija ta' Montenegro qed jaghmlu xogholhom hemmhekk u qed jahdmu flimkien mal-Pulizija lokali.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ha mmur ghal laqgha tal-5 ta' Marzu 2014 li inti kellek ma' Yorgen Fenech u ghedtilna kienet dwar progett ta' land reclamation. Hija l-istess gurnata li inti bghatt l-istruzzjonijiet fuq il-high-rise ta' l-Imriehel. Dik l-laqgha kif giet koordinta? Inti knt taf lis-Sur Fenech qabel u allura kellmek qabel u talbek laqgha jew kien hemm hemm nies ohra li talbuk tiltaqa' mieghu?

***Ix-Xhud :***
Nahseb jekk iffolowjajt tajjeb x' kont qieghed nghid iktar qabel, jiena ghedtlek li lil Yorgen Fenech jiena ma kontx nafu qabel, u niddubita jekk qattx iltqajt mieghu qabel. It-tieni, kien hemm talba biex issir laqgha min-naha tieghu mis-segretarja tieghu, whatever, biex ikun hemm laqgha halli jispjegali progett li hu kien qieghed jippropini u ghalhekk jiena stedint lis-CEO tal-Planning biex jattendi. Hemmhekk hu ressaq 'il quddiem il-progett tal-land reclamation li kien jinkludi l-progett ta' Hotel 6 Star.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri t-talba ghal din il-laqgha saret direttament minn Yorgen Fenech jew is-segretarja tieghu lill-ufficcju tieghek?

***Ix-Xhud :***
Bhal kull kuntrattur iehor gewwa pajjizna, bhal kull NGO ohra gewwa pajjizna. Dak iz-zmien Yorgen Fenech kien investitur, kuntrattur, sejjahhlu li trid, negozjant, bhal kull persuna ohra. Nies li gew ghandi kienu vicin l-Partit Laburista, kienu vicin l-Partit Nazzjonalista; uhud minnhom attivisti fi hdan il-Partit Nazzjonalista. Ma kelli problema niltaqa' ma' hadd. Jien kont qieghed hemmhekk biex nagixxi halli nara illi l-progetti gewwa pajjizna jkunu jistghu jitwettqu, u jekk hemm xi difetti fihom inkun nista' nressaqhom man-nies li huma teknici halli jaraw kif jistghu jtejbu l-progett taghhom halli jkun jista' isir jekk specjalment ma kienx skont il-policies.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Lil Yorgen Fenech ressaqtu ma' nies li huma teknici biex jaraw il-progett tieghu kif jista' isir?

***Ix-Xhud :***
Le, ghax kien ghadu progett illi ghadu ma inghatax go-ahead. Ahna kull ma tlabna kien expression of interest fuq diversi progetti ta' land reclamation biex naraw l-aptit illi kien hawn. Fl-ebda hin ma ttiehded l-ebda decizjoni li xi progett tal-land reclamation jimxi 'l quddiem u allura ma kellix ghalfejn inressqu biex dak li kien kuncett allura jkun jista' jkompli l-lahmu u allura mbaghad hemm l-awtoritajiet u l-entitiajiet biex ikomplu jibnu fuqu.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri jiena nifhem illi din il-laqgha ma' Yorgen Fenech dwar il-land reclamation saret meta kien hemm diga` expression of interest ghal land reclamation projects mill-gvern?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Kien hemm il-progetti li kienu tressqu u anke fil-fatt konna kellna l-hsieb illi anke nitolbu lil min ressaq dawn il-progetti biex jaghmel kuncett u naghmlu anke wirja ta' dawn il-kuncetti biex naraw il-popli Malti u Ghawdxi x' jahseb fuq dan il-land reclamation. Iktar u iktar meta kellek settur li kien favur; kellek settur bhal NGOs li kienu kontra, u mbaghad ridna naraw il-poplu Maltu u Ghawdxi in generali x' kienet l-opinjoni taghhon, l-aptil taghhom biex jitwettqu land reclamation gewwa pajjizna.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nifhem allura li kien hemm ohrajn li kienu urew interess ..

***Ix-Xhud :***
Iva, u gew ikellmuni wkoll.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Meta inti kont Segretarju Parlamentari tal-Ippjanar nifhem illi kont sibt diffikulta` fejn kien hemm hafna kazijiet pendenti quddiem il-Bord ta' l-Appell?

***Ix-Xhud :***
Quddiem il-Bord ta' l-Appell kien hemm mijiet biex ma nghidx jekk minhiex sejjer zball eluf ta' kazijiet li kienu pendenti illi kienu qed iwaqqfu l-izvilupp ekonomiku gewwa pajjizna.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti kif solvejta din il-kwistjoni?

***Ix-Xhud :***
Il-ligi kienet taghti l-fakolta` illi jista' ikun hemm Bord iehor alternattiv biex jimxi b' mod parallel. Id-decizjoni kienet illi dak li l-Bord precedenti kien diga` beda, ikomplihom hu, jispiccahom hu, u illi l-Bord il-gdid jibda jifli l-progetti illi bdew diehlin halli l-Bord ta' qabel jispicca kemm jista' jkun f' hin qasir u mhux ikompli bil-files tielghin fuq xulxin u l-pajjiz stagnat.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Jigifieri l-Bord il-gdid li inti htart kien Bord biex jifli progetti godda? Qed nifhmek sew f' dak li ghedtli?

***Ix-Xhud :***
Biex jifli l-progetti illi kienu qed jidhlu minn hemmhekk 'il quddiem biex naghti cans illi ma jirfisx anke xoghol li diga` beda mill-Bord precedenti, ghax ma taghmilx sens illi xoghol li beda Bord jidhol Bord iehor fuqu. It-tieni haga biex ma nistoljawx is-sitwazzjoni ta' pajjizna fejn kellek diversi progetti weqfin u l-intenzjoni tal-gvern li tidba ddawwar l-ekonomija.

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Allura jekk dan il-Bord kien qieghed hemmhekk biex jifli progetti godda, kif tispjega li dan il-Bord approva zvilupp gdid f' Portomaso permezz ta' appell qudiedmu? Dan kien progett gdid?

***Ix-Xhud :***
Ma nafx ghal liema wiehed qed tirreferi.

***Avukat :***
Ma jistax nahseb…. Nopponi ghal din id-domanda; bir-rispett kollu, ma nahsibx li jista' jirrispondi ….

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Nista' nirtiraha. Ir-risposta kienet sufficjenti.

***Avukat :***
…ghan-nom tal-Bord! Ghan-nom tad-decizjoni tal-Bord! …. Is-Segretarju Parlamentari responsabbli..!

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Ir-risposta kienet sufficjenti.

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Hemm certi domandi.., hemm certa xhieda li trid tinghata bil-maghluq, nahseb ahjar inkomplu darb' ohra ghax ghajjejna

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Inti fit-tul ix-xhieda bil-maghluq?

***Ix-Xhud :***
Fil-maghluq? Le.

***Dr Jason Azzopardi :***
Jien kull ma ghandi tliet domandi fil-qosor

***Chairman Imhallef M Mallia :***
Domandi rigward is-Security Services; hemm bzonn naghmluhom jew le?

***Dr Therese Comodini Cachia :***
Hu qed jghid illi jixtieq jghidhom imma fil-qosor qed jghid.

***Avukat :***
Le; jien nahseb li mhix kwistjoni li jixtieq jghidhom; biex ikun iwiegeb ghad-domandi li sarulu ..

***Ix-Xhud :***
Biex inkun insta' inwiegeb ghal certu domandi u certu risposti anke jekk ma jkunux elaborati jew fid-dettal jew haga jew ohra certu affarijiet li nista' nghid nista' nipperikola s-sigurta` tieghi.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Hekk hu. Ha insaqsik haga qabel ma… ; ha nsaqsik wahda Dottore biss; inti fl-esperjenza tieghek, f' diversi Ministeri, l-issue hawnhekk hi l-influwenza ta' big business fuq gvern

***Chairman Imhallef M Mallia :***

Fuq il-politika.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Fuq il-politikka u l-gvern. Jigifieri inti, hu ovvju li b' xi mod jew iehor.., dan kull gvern ikollu bilfors jinnegozja man-negozjanti, ifhimni ftit; imma inti sodisfatt illi l-progess kif inhu llum huwa wiehed li ma ghandux hafna toqob li ikrea dawn l-incident? Ghax certu lobbying u.. I mean

***Ix-Xhud :***

Inti wahda minn l-iktar parti importanti ma huwiex kemm ikollok kuntatt man-negozjanti, ghax kulhadd ser jipprova jigi jispjegalek il-progett tieghu

***Imhallef J Said Pullicino :***

M' hemmx dubju, ehe

***Ix-Xhud :***

…anke jekk ma kienux jigu n-negozjanti kienu jigu l-periti taghhom biex jitkellmu mieghi, jew inkella anke mbaghad nirreferihom anke lejn l-Awtorita` biex ikomplu itejbu l-progett taghhom ghax abbli ma kienx kompletament mal-policies u kellu jbeddel id-disinji tal-progett. Stat ghal persuna, u jien nista' nahlef fuqi, illi l-persuna jibqa 'l fuq mir-korruzzjoni.

***Imhallef J Said Pullicino :***

Imma s-sistemi jghinu ghal..? Ifhimni, hemm il-lobbying, issa l-lobbying mhux kontrollat hawn Malta, u kultant hemm bzonn li jkun ikkontrollat biex wiehed ikun jaf min qed jinnegozja xiex. Jigifieri hemm dawn il-hafna gray areas illi jaghtu lok ghal possibbilta` ta' li qed issemmi inti, ta' korruzzjoni hu! I mean ghax kulhadd… fid-dinja nies imexxu l-affarijiet, u hemm min hu dritt u hemm min hu mghawweg. Imma c-checks and balances iridu.. ic-checks and balances…

***Ix-Xhud :***

Ma tkunx liable jekk inti ma tiddiskuti u ma titkellem ma' hadd. Inkluz kwalunkwe involvement. Mhux biss fil-livell politiku. Jista' jkun fil-livell amministrattiv. Jista' jkunu l-partiti infushom.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Dik problema ohra dik ..

***Ix-Xhud :***
Illi jista' wiehed jinheba minkejja l-ligijiet kollha jinheba wara c-cedoli

***Imhallef J Said Pullicino :***
Problema ohra hija ..

***Ix-Xhud :***
Hemm hafna affarijiet li tista' taghmel

***Imhallef J Said Pullicino :***
Hemm problema ohra hija li qed issemmiha inti. Problema ohra kbir hija l-finanzjament tal-partiti min-negozjant. Ghax I mean dana kollu ma ghandux x' jaqsam ma' l-Inkjesta u ghandu x' jaqsam hafna.

***Ix-Xhud :***
Hemm diskussjonijiet illi ilhom ghaddejjin f' diversi opinjonijiet differenti. Hemm diskussjonijiet dwar il-pagi tal-Ministeri jekk ghandhomx jixdiedu jew le. Hemm diskussjonijiet dwar jekk il-membri parlamentari ghandhomx jithallsu jew le. Hemm dawn id-diskussjonijiet li ghaddejjin. J' alla illi kull decizjoni li tkun qed tittiehed tkun qed tittiehed mhux ghall-interess tal-persuna imma l-interess tal-pajjiz.

***Imhallef J Said Pullicino :***
Imma l-verita` hi li ghaddejna zmien, dejjem xi ftit jew wisq ikun hemm ta!, imma ghaddejna zmien fejn dawn l-affarijiet gew aggalla u donnhom gew daqsxejn out of hand, u r-raguni spiccajna ma sibnihiex ghadna.

***Ix-Xhud :***
Nahseb illi diversi ligijiet lil qeghdin ghaddejin minn gol-pajjiz nahseb huma bla precedent u ha jaghtu aspettattiva u dehra ahjar lill-pajjizna

***Imhallef J Said Pullicino :***
Ahna bil-Latin nghidu quid estis votis, bil-Latin nghidu. Jekk hemm xi domandi ohrajn qabel nghalqu?

***Dr Jason Azzopardi :***
Iva. Onorevoli Ministru, dak inhar ta' l-assassinju tas-sinjura Daphne Caruana Galizia, inti allura kont il-Ministru ta' l-Intern, jekk tiftakar jekk joghgbok, l-Onorevoli Prim Ministru f' xi hin ikkuntattjak wara li sar maghruf x' gara; fi x' hin ikkuntatjak tiftakar?

***Ix-Xhud :***
Ikkunttatjani jekk minhiex sejjer zball wara li ghamel il-konferenza stampa. Nahseb li kien konxju li jiena kont informat bl-assassinju; u nfurmat ukoll bid-decizjonijiet u l-ordnijiet illi jiena tajt lill-Kummissarju kemm fejn jidhlu esperti barranin, kemm biex niffacilita l-process u l-ghajnuna li kien hemm bzonn. U illi kellhom jintefqu irrispettivament minn kull kaz iehor li inti infaqt l-ammont ta' flus li kien hemm bzonn.

***Dr Jason Azzopardi :***
It-tieni domanda; inti fit-18 ta' Novembru ta' l-2018, pubblikament allura, gejt ikkwota minn stazzjon Taljan it-TG3 u ghedt – *we hope that soon those responsible will be arrested.* Ovvjament kont qed tirreferi 'those responsible' ghall-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia. Ghandi nifhem li November '18 kont Ministru ta' l-Intern, ikkoregini

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ftit granet qabel, fid-9 ta Novembru ta' dak il-…., gimgha qabel, kien sar maghruf pubblikament minn Reuters u t-Times of Malta illi s-sid ta' 17 Black kien jismu Yorgen Fenech. Id-domanda tieghi.. ghax ma rridx insaqsik x' wasslek biex taghmel dak l-istatement minhabba forsi dak illi ha jsir in camera minhabba l-MSS. Pero` d-domanda tieghi hija din : hemm rabta bejn dak li sar maghruf fid-9 ta' Novembru Yorgen Fenech sid 17 Black u d-dikjarazzjoni tieghek Ministru ta' l-Intern, ten (10) days wara, lill-media barranija.

***Ix-Xhud :***
Le.

***Dr Jason Azzopardi :***
No. It-tielet domanda. Jiena fhimtek sew jew fhimtek hazin, ghax jekk fil-kaz nahtaf l-okkazjoni, hemm l-online ghaddej u certu portals dalghodu stess jigifieri waqt li qed tixhed, anke jiena hekk fhimt, inti qisek tajt il-bekkata illi qua Ministru ta' l-Intern xoghlok kien iva li tiffacilita` etc etc..; pero` f' hin minnhom tajt il-bekkata illi tapprova talbiet biex ikunu segwiti certu linji ta' investigazzjoni. Nista naghtik l-oportunita` tfisser x' ridt taghid b' dak l-istatement?

***Ix-Xhud :***
Jiena halli ..

***Avukat :***
Skuzani ..

***Ix-Xhud :***
Ma jimpurtax, ma jimpurtax. L-investigazzjoniet mhux min-naha tal-Korp tal-Pulizija. Jiena obbligat bil-ligi illi meta s-Servizz tas-Sigurta` jitlobni clearance ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Mela inti kont qed tirreferi ghall-MSS period

***Ix-Xhud :***
Mhux Pulizija

***Dr Jason Azzopardi :***
Period period. Grazzi hafna Ministru. Ir-raba' domanda Ministru; kif staqsietek il-kollega, f'April ta' l-2017, u inti ghedtha kemm-il darba u hekk hu, inti qatt ma iltqajt ma kontx taf lil Melvin Theuma; pero` f' April ta' l-2017, qed nitkellmu ftit granet qabel ma thabbret l-elezzjoni fl-ewwel (1) ta' Mejju, inti dak iz-zmien kont… ikkoregini, Ministru tas-Soledarjeta` Socjali.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Jason Azzopardi :***
Id-Dipartiment ta' Housing Construction Embellishment kien jaqa' fid-dekasteru.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Jason Azzopardi :***
Issa, nerga' naghmilha cara l-premessa; naf li inti qatt ma iltqajat u qatt ma kellimt lil Melvin Theuma, biex ma ninftihemx hazin. Pero` jekk ghandekx spjega ser nistaqsik hawnhekk; naqblu illi certu Anthony Muscat kien jippresjedi, imexxi, Chairman, whatever, id-Department for Housing and Embellishment.

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Jason Azzopardi :***

L-ewwel haga, jekk ghandekx gharfien ta' dan li ser nistaqsik, u jekk ghandek tispjega jekk jogghbok. Fil-11 ta' April ta' dik is-sena 2017 Tony Muscat b' gmail privat tieghu, (dan ser ikun esebit) baghat ittra.. skuzani, lil Melvin Theuma, while I thank you for submitting your CV you are requested to call for an interview at Palazzo Ferreria, Republic Street, Tuesday 18$^{th}$ April nine fifteen hours; appreciate that you confirm your attendance. Anthony Muscat. U Melvin Theuma wiegeb fl-24 ta' April. Mela dan qed ikun esebit. Issa d-domanda tieghi, u nerga' naghmilha cara, naf li inti ma' Melvin Theuma ma iltqajtx u ma tkellimtx. Jekk sirtx taf jekk ghandekx xi dawl x' tista' taghti lill-Bord kif Melvin Theuma kkomunika ma' Anthony Muscat, ghalfejn Anthony Muscat ufficjal pubbliku ikkomunika ma dan il-persuna using his private email. U t-tielet jekk tiftakarx li ma kienx hemm sejha pubblika ghal post ta' messenger driver illi Melvin Theuma imbaghad xehed illi fil-fatt inghata impjieg? Jekk joghgbok.

***Ix-Xhud :***

Sa fejn naf jien ghallinqas minn l-informazzjoni li ghandi t-talba saret lil Jobsplus u l-isem intbaghat min-naha ta' Jobsplus. Ghallinqas dik l-informazzjoni illi ghandi..

***Dr Jason Azzopardi :***

Sa fejn taf inti

***Ix-Xhud :***

… u illi l-process mexa skont id-diversi talbiet kif kien isir is-soltu.

***Dr Jason Azzopardi :***

Jigifieri bottom-line Ministru, inti qua Ministru f' dak ix-xahar f' dak il-perjodu hadd ma nfurmak jew tarafflek illi gej Tiziu tali illi jismu Melvin Theuma….

***Ix-Xhud :***

Le.

***Dr Jason Azzopardi :***

Mhux ser nistaqsik ghax inti dhalt fid-dettal u spjegajt lill-kollega u lill-Bord x' wassal ghad-decizjoni tieghek biex lill-Planning Authority f' Marzu ta' l-2014 b' referenza ghall-Imriehel high-rise. I am not going to ask you id-dettalji ghax spjegajthom u noqghodu nirrepetu.

Li xtaqt insaqsik huwa dan; huwa fatt li inti dak inhar fil-5 ta' Marzu 2014, u qed tghidu bil-gurament, jigifieri ghedtha inti kemm-il darba, ma kellekx

diffikulta` tghid isma' iva jiena ktibt lill-Planning Authority fil-5 ta' Marzu 2014. Dak iz-zmien, ikkoregini, inti kont Parliamentary Secretary

***Ix-Xhud :***
Iva.

***Dr Jason Azzopardi :***
For Development?

***Ix-Xhud :***
For Planning and ..

***Dr Jason Azzopardi :***
For Planning and Development? Sskuzani; administrative..?

***Ix-Xhud :***
Administrative ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ok. Issa d-domanda tieghi tinstema' forsi legalisitika, pero` ma hijiex ghax hemm importantza partikolari 'l ghala l-ligi… Mela. Li xtaqtek tispjega lill-Bord, jekk ghandi spjega, il-ligi ta' l-ambejnt *(ghal Bord Chapter 504 tal-Ligijiet)*, fis-section 2 illi minister means the minister responsible for the environment; li allura kien il-Ministru Leo Brincat fl-2014. L-Onervoli Farrugia kien Parliament Secretary mhux fil-Ministeru ta' l-Ambjent imma f' Ministeru differenti, dekasteru ta' l-OPM. Id-domanda li xtaqt naghmillek jekk inti kontx infurmat jew kontx aware illi kellu jkun il-Ministru ta' l-Ambjent jekk xejn li jaghmel dik l-ittra? Ha nibdew pass pass ghax inkella nikkomplikawha. Jekk kontx taf jekk kontx infurmat jekk joghgbok li..? u jekk dahalx il-Ministru Brincat.. il-Ministru Ambjent.

***Ix-Xhud :***
Kull kaz ta' fejn tidhol legal notices li allura ghandek il-parti legali kienet tkun iffirmata mill-Prim Ministru u minni, u mill-Ministru Leo Brincat dak iz-zmien. Meta tidhol lejn responsabbilta` politika, ir-responsabbilta` politika kienet taqa' taht l-Ufficcju tal-Prim Ministru. U jiena agixxejt ghax jien poltikament jien kont responsabbli minn l-Ippjanar, u allura agixxejt

***Dr Jason Azzopardi :***
…taqa' taht l-OPM..

***Ix-Xhud :***
Imma meta jkunu allura mbaghad gejjin affarijiet li huma legali fejn allura l-ligi kienet titkellem.., u filfatt nahseb wahda minn l-affarijiet rakkomandazzjonijiet li qamu u anke f' pajjizna fil-fatt kont gbidt l-attenzjoni biex jinbidlu l-mod kif isiru l-ligijiet bhala Ministri responsabbli. U fil-fatt jekk tinnota hafna mill-ligijiet gewwa pajjizna minn dak inhar bdew isiru l-Ministru responsabbli minn l-Ippjanar, mhux il-Ministru…; u min huwa ta' l-Ambjent responsabbli minn l-Ambjent. Issa jekk tkun l-istess wiehed…

***Dr Jason Azzopardi :***
Yes yes.

***Ix-Xhud :***
Issa dik kienet parti.. nifhem x' qed tghid, parti legalistika, iva, u ghahekk ghamilt dik ir-rakkomandazzjoni. Ghamilt dik ir-rakkomandazzjoni ghax fejn tidhol il-ligi hemm bzonn illi l-firem ma ghandux ghalfejn tmur ghand Ministru jew iehor li ma ghandux assolutament x' jaqsam u jiffolowja dawk l-affarijiet. Imma poltikament kienet responsabbli tieghi. U dak li jigri fil-Planning ma kinetx taqa' taht ir-responsabbilta` ta' kif jagixxi l-Planning. Il-Planning ma kinetx tirrispondi lill-Ministru Brincat. Imma bhalma qed tghid inti, iva, biex niskansaw problema legali fejn jidhlu legal notices etc., kien qed jiffirma ukoll il-Ministru Leo Brincat.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ghal kronoka biss, jigifieri dak inhar li inti iltqajt mas-Sur Fenech sussegwentement dik il-gurnata li intbaghtet l-ittra lis-Sur Buttigieg Planning Authority, il-Ministru Brincat taf jekk jew inti jew xi hadd mis-segretarjat tieghek infurmahx, kellmux, ma kienx hemm bzonn jigi mitkellem..

***Ix-Xhud :***
Poltikament ma kienx hemm ghalfejn ghax ..

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma kienx hemm ghalfejn

***Ix-Xhud :***
….ghax ir-responsabbilta`kienet taqa' fuq spallejja.

***Dr Jason Azzopardi :***
Ma kienx hemm ghalfejn..

***Ix-Xhud :***

Apparti minn hekk nerga' infakkrek, ghax forsi l-wording irrid noqghod daqsxejn attent kif ikun qieghid jintqal; illi mas-Sur Fenech jien fl-ebda hin ma tkellimt fuq l-Imriehel fil-laqgha li kellna. U ma hemm xejn li jikkorrala bejn dik il-laqgha u l-affarijiet l-ohra. Kull min jghid differenti qieghed jigdeb.

***Dr Jason Azzopardi :***

Yes. Grazzi Ministru; l-ahhar domanda, u verament yes or no. Pero` importanti ghal affarijiet iktar 'il quddiem mansjoni ta' l-Inkjesta. Minister, ilek responsabbli mill-qasam ta' l-Energija minn Jannar li ghadda. Iva jew le biss ser nistaqsik, mhux ser nistaqsi affarijiet ohrajn ghax..; Kemm ilek responsabbli minn dan il-Ministeru, jekk gejtx infurmat, u naghmilha cara assolutament ma kellek x' taqsam xejn, li pero` gejt infurmat fl-ahhar disa' xhur, li f' Marzu ta' l-2017, March 2017, Yorgen Fenech kien qieghed fi process li jirreplika l-progett ta' l-Electrogas f' pajjiz iehor 'l boghod minn Malta. Nerga' nghidlek in 2017 ma kellek x' taqsam xejn ma' l-Energija. Inti fl-ahhar disa' xhur ..

***Ix-Xhud :***

Ma fhimtx il-kelma 'jirreplika'

***Avukat :***

Kien ser jaghmel progett iehor bhalu; bhalu.

***Dr Jason Azzopardi :***

Progett iehor bhal l-Electrogas

***Avukat :***

Bhal dak li sar Malta.

***Dr Jason Azzopardi :***

Il-Bangladesh qatt smajt bih f' dan il-kunest?

***Ix-Xhud :***

Le.

***Dr Jason Azzopardi :***

No. Dak kollox. Fl-ahhar disa' xhur kellek Ministru ta' l-Energija. Dak kollox.

***Ix-Xhud :***

No. La issa u lanqas qabel

***Dr Jason Azzopardi :***
Grazzi Ministru.

Din hija s-sustanza tax-xhieda ta’ l-**Onorevoli Ministru Michael Farrugia** kif giet dettata minnu stess fil-prezenza ta’ l-istess xhud.

Niddikjara li traskrivejt bl-ahjar hila tieghi x-xhieda ta’ l-istess xhud.

Saviour Scicluna
Traskrittur